# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**A/PRESIDENT**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**
**ONOR GIANNINO CARUANA DEMAJO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Rikors Kost. 455/93 JSP**

**Raymond Gilford maghruf bhala Rachel Gilford**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bl-ismijiet premessi moghtija fit-22 ta' April, 1997, li taqra kif gej:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur li bih ir-rikorrent pproceda li jghid:-

"1. Illi fic-certifikat tat-twelid tieghu (Dokument "A") huwa gie ndikat bl-ismijiet Raymond Raphael Francis, ta' sess maskili;

2. Illi huwa minn ckunitu hass ruhu ta' personalita' w attitudinijiet femminili, u agixxa, kemm psikologikament kif ukoll esternament, skond l-orjentament tieghu;

3. Illi, sabiex il-persuna tieghu ma tkunx in konflitt mal-personalita' tieghu, huwa ghamel it-trattamenti medici u kirurgici mehtiega b'mod li illum huwa fizikament mara (Dokument "B);

4. Illi l-fatt li l-istat civili tieghu ta' ragel ma jikkorrispondiex ghall-personalita', il-persuna, l-aspett fiziku, jikkawzalu hafna problemi prattici, emozzjonali u guridici li jzommuh fi stat ta' ansja u depressjoni intollerabbli;

5. Illi l-fatt li d-dokumenti legali tieghu, fosthom ic-certifikat tat-twelid, il-karta ta' l-identita', il-ktieb tax-xoghol, il-passaport, id-dokumenti tal-vot etc juru haga li manifestament m'ghandhiex riskontru fir-realta' fizika w intelletwali ta' l-esponent u l-fatt li l-Ligi Maltija ma tipprovdiex ghall-ezigenzi tat-transesswali, jammontaw ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu li ma jkunx assoggettat ghall-trattament degradanti w inuman, protett mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-dritt li jgawdi l-hajja privata tieghu protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Illi t-talba ta' l-esponent li jigi maghruf ufficjalment bhala mara giet michuda mill-intimat (Dokumenti "C" u "D");

Talab li din il-Qorti joghgobha taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettieq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna li fic-certifikat tat-twelid tieghu jigi mibdul is-sess ta' l-esponent ghall-femminil u li ismu jigi registrat bhala Rachel.

Bl-ispejjez."

Rat ir-rispota ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku espona:-

"1. Preliminarjament illi l-bdil fis-sess tar-rikorrent ghandu jkun ikkonfermat minn periti medici nominati mill-Qorti, u li dan il-bdil huwa wiehed irriversibbli u permanenti;

2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-istat attwali tal-Ligi Maltija la jmur kontra d-dritt sancit bl-Artikolu 3 u lanqas dak sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Rigwardnati l-Artikolu 3 jonqsu ghal kollox l-elementi ta' trattament degradanti w inuman kif stabbiliti fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea;

4. Rigwardanti l-Artikolu 8 m'hemm ebda ndhil fil-hajja privata tar-rikorrent, u f'kaz li hemm, dan huwa konformi mal-kwalifiki li jezistu fis-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu;

5. Li l-atti tat-twelid taghna huma dokumenti storici li jirriflettu l-istat fil-mument li jsehh u talvolta korretti l-ligi tista' ma taghtix id-dritt tal-bdil kif mitlub mir-rikorrent."

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar 1994 li bih il-Qorti ipprovdiet illi:-

"Billi jehtieg opinjoni medika kwalifikata fuq il-meritu tar-rikors qabel tkompli bis-smiegh tax-xhieda, tinnomina lit-Tabib Ginekologu Dr. Donald Felice biex jirrelata dwar l-aspett fizjologiku u tat-Tabib Psikjatra Dr. George Debono biex jirrelata dwar l-aspett psikjatriku tieghu. It-tobba ghandhom jezaminaw lir-rikorrent u jiehdu l-informazzjoni li jidhrilhom mehtiega. It-Tabib Felice ghandu jirrelata fuq in-natura w il-kwalita' ta' l-interventi kirurgici u trattament iehor subiti mir-rikorrent u dwar jekk il-kondizzjoni attwali tieghu hijiex wahda permanenti w irriversibbili. It-Tabib Debono ghandu jaghmel l-accertamenti mehtiega dwar l-aspett psikjatriku u ghal dan il-fini hu mehtieg ukoll jiehu konjizzjoni tal-provi li hemm diga' prodotti fil-process u jassisti lill-Qorti fis-smiegh ta' kull prova ohra li kellha tingabar mill-Qorti."

Rat ir-relazzjoni tat-Tabib Psikjatra Dottor Debono;

Rat li t-Tabib Ginikologu baqa' ma ghamel l-ebda relazzjoni nonostante li inghata opportunita' adegwata ghal dan il-fini;

Rat illi mir-relazzjoni tal-Perit Psikologu jirrizultaw

bizzejjed elementi biex jigi stabbilit dak li kien mehtieg bil-perizja ginekologa liema elementi wkoll jirrizultaw pruvati fil-process aliunde. Konsegwentement il-Qorti qed tiddispensa mill-htiega ta' relazzjoni medika ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezibiti;

Semghat it-trattazzjoni;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

**Pregudizzjali obbligati**

1. Il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huma tista' tghid identici ghal dawk tar-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onorevoli Prim Ministru w id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu deciz finalment mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tal-14 ta' Lulju 1995. It-talba f'dak ir-rikors kienet tista' tghid identika wkoll ghal dik f'dan ir-rikors u il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali w id-decizjoni li waslet ghaliha w ir-rimedju minnha provdut huma kollha rilevanti ghall-kaz taht ezami. Din il-Qorti ta' Prim'istanza allura, anke kif presjeduta, ghandha bhala norma d-dover li ssegwi l-insenjament ta' qorti ta' revizjoni u, li kieku dan kien possibbli f'dan il-kaz, il-kompitu taghha kien ikun daqstant facilitat. Dana mhux biss b'rispett ghall-opinjoni ta' qorti kolleggjali superjuri nonostante li s-sistema nostran ma jammettiex il-precedent li jorbot, izda wkoll biex jigu evitati appelli frivoli u spejjes inutili. Qorti ta' Prim'istanza allura ma ghandhiex tiddipartixxi mill-insenjament ta' Qorti ta' Revizjoni jekk mhux ghal ragunijiet gravi sewwa bazati fil-ligi li fil-kuxjenza ma jippermettux lill-gudikant li jsegwi tali insenjament. Dan japplika "multo magis" fir-rigward ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali;

2. Dan hu difatti wiehed minn dawk il-kazijiet. Fil-kawza "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onorevoli Prim Ministru et" infatti l-Qorti Kostituzzjonali hekk iddeliberat:-

"Ghalkemm din il-Qorti ma tistax issib illi kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent kif kontemplati fl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu

8 tal-Konvenzjoni - u f'dan is-sens is-sentenza appellata tigi revokata - b'dana kollu l-Qorti thossha intitolata li ghandha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent izzid a tergo ta' l-istess dikjarazzjoni fis-sens illi mill-10 ta' Novembru 1990 minhabba intervent kirurgiku l-imsemmi Lawrence Cassar ottjeniet sess femminili u ghalhekk hija maghrufha bhala Roxanne Cassar".

3. Din il-Qorti bid-deferenza kollha dovuta lejn il-fehma konsidrata tal-Qorti Kostituzzjonali - ma tistax taqbel ma' dik il-konkluzzjoni ghax tifhem li hi guridikament skorretta. Il-Qorti Kostituzzjonali hi qorti ta' ligi u mhux qorti ta' mera ekwita'. Qorti tista' verament tittempera d-decizjoni taghha permezz ta' l-ekwita' imma biss wara li tali decizjoni tkun waslet ghaliha bl-applikazzjoni meqjusa tal-ligi li fuqha trid tkun imsejsa. Dan anke f'materja ta' dritt kostituzzjonali u jeddijiet fondamentali. Certament allura mhux konsentit li jinghata rimedju mill-Qorti Kostituzzjonali wara dikjarazzjoni mill-istess Qorti illi dik il-Qorti ma ssibx li kien hemm xi vjolazzjoni ta' dritt fondamentali tar-rikorrent kif protett mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea. Il-poter tal-Qorti Kostituzzjonali huwa li tindaga allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali jew ta' theddid ta' tali vjolazzjonijiet u hu biss meta tirrizulta tali vjolazzjoni li dik il-Qorti ghandha l-vires li tipprovdi rimedju;

4. Hu veru li dik is-sentenza tikkonsidra illi b'dik il-konkluzzjoni taghha kienet ser tipprova tasal "ghal dak il-bilanc bejn l-interessi diversi imsemmija kif sallum jistghu jigu konkordati biex kemm jista' jkun il-vot ta' dan l-Artikolu (numru 8 tal-Konvenzjoni) jigi implimentat billi jigi akkordat kull rispett ghad-drittijiet ta' l-individwu kompatibbilment mar-rispett ghad-drittijiet tal-membri l-ohra tal-komunita' li fiha huwa jghix." Konsiderazzjoni li sewwa tinterpreta dik id-disposizzjoni taht ezami (l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni) u kif jehtieg li l-ligi tigi applikata mill-Qorti Kostituzzjonali bhala l-arbitru w il-moderatur bejn l-interessi ta' l-individwu fl-esercizzju tad-drittijiet tieghu u dawk tas-socjeta' in generali. Pero' tali funzjoni vitali tal-Qorti, tista' u ghandha tigi ezercitata minnha biex taghti rimedji adegwati biss f'dawk il-kazijiet fejn tirrizulta pozittivament vjolazzjoni. Funzjoni allura li tigi ezercitata mill-Qorti bhala garanti tad-drittijiet fondamentali ta' l-individwu. Altrimenti l-Qorti tkun qieghdha tezorbita mill-

funzjonijiet lilha fdati mill-Kostituzzjoni;

5. Dan kollu precizat, din il-Qorti sewwa tapprezza illi l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Cassar vs Onorevoli Prim Ministru et" - b'mod partikolari fl-analizi tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea in materja jisthoqqilhom kull rigward u attenzjoni. Dan sal-punt li din il-Qorti kienet tkun thossha, nonostante xi rizervi, fid-dover li ssegwihom kieku ma kienx ghall-konkluzzjoni fil-fehma taghha skorretta li waslet ghaliha.

**<u>Il-fatti ta' din il-kawza</u>**

Diga' gie accennat li l-fatti f'din il-kawza huma simili ghall-dawk fil-kawza appena diskussa. Jekk xejn l-unika rizerva li kellha l-Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawza u cioe' in-nuqqas ta' konferma medika permezz ta' perizja esperta indipendenti gie sodisfacentement sorvolat f'din il-kawza. Infatti hu pruvat:-

1. Illi fic-certifikat tat-twelid tieghu ir-rikorrent gie indikat bhala persuna ta' sess maskili u moghti l-ismijiet Raymond Raphael Francis;

2. Illi r-rikorrent huwa wiehed minn dawk il-persuni li matul hajjithom jissubixxu tibdil psikologiku u fizjologiku tali li joholqilhom diffikultajiet mhux zghar. Diffikultajiet li joriginaw mill-fatt illi kien hemm konflitt qawwi w irresistibbili bejn il-personalita' w attitudnijiet femminili li indubbjament kellu mal-fiziku maskil li bih twieled;

3. Illi jirrizulta li dan il-konflitt kien wiehed <u>genwin</u> tant li jista' jigi rintraccjat ghat-tfulija bikrija tar-rikorrent. Dan hu abbondantement pruvat. Dawn il-konkluzzjonijiet ta' fatt, koncisament imma incisivament riportati fir-rapport psikjatriku ta' l-espert Psikjatra Dottor George Debono, gew ukoll verifikati minn provi ohra prodotti mir-rikorrent inkluza d-deposizzjoni tat-tabib kuranti tal-familja tieghu.

"(Ir-rikorrent) ipprezentat ruhha bhala mara kemm fil-ghamla, hwejjeg kif ukoll l-agir;

Hi qaltli li sa kemm tiftakar bhala tifel zghir kienet thoss li kien hemm xi haga hazina, sa minn dak iz-zmien kienet

thoss li hi kienet tifla u ghalhekk kienet tirrifjuta li tilghab bhas-subien, fil-fatt hi kienet thossha tajba tilbes hwejjeg tal-bniet u kienet taqbadha dwejjaq kbar meta kellha tilbes hwejjeg tas-subien. Barra minn dan hi kienet thossha taqbel iktar ma' hutha l-bniet milli ma' hutha subien u qalet li minn dejjem kienet thoss li kellha istinti femminili li dawn kienu kagun li fi tfulitha kienu jiddiehqu biha l-hbieb li kellha;

Meta bdiet tikber dawn l-istinti femminili kibru maghha sa kemm meta kellha 13-il sena din bdiet, wara l-iskola tilbes hwejjeg tan-nisa u tohrog bihom. Hi qalet li meta kienet taghmel hekk kienet thossha kuntenta hafna;

Aktar ma bdiet tikber aktar kibret fiha d-diskrepanza bejn kif kienet tidher u bejn dik li kienet thossha li hi. Din wasslitha biex bdiet tiehu l-hormones ta' 16-il sena biex tkabbar sidirha u meta kellha 20 sena hadet decizjoni li taghmel operazzjoni biex tbiddel is-sess taghha. Hi giet operata xi tmien xhur ilu wara li get ezaminata minn psikjatra.
Hi qaltli li qabel ma ghamlet l-operazzjoni kien ikollha perjodi dipressivi ghax kienet thossha frustata ghal fatt li kienet thossha mara f'gisem ta' ragel. Dawn id-depressjonijiet waqfu wara l-operazzjoni, u issa thossha sa fl-ahhar kuntenta, kemm fl-istat emmotif kif ukoll fl-istat sesswali."

4. Illi hu pruvat illi sabiex il-persuna tieghu ma tkunx in konflitt mal-personalita' tieghu, ir-rikorrent ghamel it-trattamenti medici u kirurgici mehtiega biex isir fizikament u fl-apparenza mara. Il-bidla ma kenitx wahda semplicement kosmetika u riversibbili imma, fl-apparenza, fizikament kompleta w irriversibbili. Dan ukoll hu pruvat b'mod konklussiv mir-relazzjoni psikjatrika, oltre mic-certifikati tat-tobba kuranti, inkluz tal-kirurgu esteru li kkonduca l-operazzjonijiet mehtiega. Dan apparti provi ohra evidenti. Il-kirurgu Mr. Michael Royle iccertifika:

"I carried out gender re-assignment surgery on this patient in 17.6.93 and she is now physically female."

Il-Psikjatra Debono nominat minn din il-Qorti iccertifika:

"Illum din il-persuna tinsab kuntenta ghax thossha sa fl-ahhar kompluta. Hi tidher mara kemm fl-apparenza kif

ukoll fl-agir, mentalita' u manerizmi. Persuna bhal din, li qatt mhu ser ikun possibbili teknikament fil-futur tassumi mill-gdid il-fiziku ta' maskil, ikun ta' hsara psikologika jekk izzomm isem maskili."

Il-Qorti hi ghalhekk sodisfatta li s-sess li llum apparentement assuma r-rikorrent hu irriversibbili u konvinta illi l-kaz tieghu kien wiehed genwin, fis-sens li kien hemm ragunijiet fizici, emotivi u psikici, impellenti u tista' tghid indipendenti mill-volonta' tieghu li wassluh biex jiehu id-decizjoni drastika li ha. Indubbjament wara hafna tbatija u tribulazzjoni li jehtieg li jigu apprezzati. Il-Qorti ma ssibx diffikolta' allura li taccetta l-konkluzzjoni ta' l-espert psikjatra. "Dan hu kaz ta' bniedem b'organi sesswali maskili u mentalita' pura femminili li tinkludi fiha emozzjonalita', agir, kif ukoll istint u identita' femminili ta' certu qawwa li wasslet ghall-operazzjoni irriversibbli ta' tibdil ta' sess fil-fiziku.

Is-sess jinkludi fih kemm il-fiziku kif ukoll il-psikologiku u dawn iridu jkunu jaqblu. (sottolinejar tal-Qorti). F'dan il-kaz kien hemm diskrepanza li waslet ghal dik il-persuna li tiehu decizjoni hekk serja meta ma kienx hemm mard mentali. Illum din il-persuna tinsab kuntenta ghax thossha sa fl-ahhar kompluta."

Infatti Dottor Debono jiccertifika:

"Ezami ta' l-istat mentali wera li hi ma kellha l-ebda sinjali ta' mard mentali la serju u lanqas hafif izda hasset li l-fatt li ghandha isem maskili, dan qed joholqilha problemi psikologici fis-sens li thossha imbarazzata meta jkollha tispjega dan."

**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

Il-Qorti tqis fl-ewwel lok l-ilment tar-rikorrent li l-fatt li d-dokumenti legali tieghu fosthom ic-certifikat tat-twelid, il-karta ta' l-identita', il-ktieb tax-xoghol, il-passaport, id-dokument tal-vot u ohrajn juru haga li manifestament ma ghandhiex riskontru mar-rejalta' fizika w intellettwali tieghu w il-fatt li l-Ligi Maltija ma tipprovdiex ghall-esigenzi tat-transesswali jammontaw ghall-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tieghu li jgawdi il-hajja privata kif protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Hu importanti li jigi identifikat bi precizjoni x'inhu l-ilment

tar-rikorrent u cioe' f'hiex tikkonsisti l-lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu li jgawdi l-hajja privata tieghu. Materja din distinta mir-rimedju li l-istess rikorrent qed jindika bhala li ghandu jinghata lilu biex tigi rettifikata din il-lezjoni. L-intimat jissottometti illi hu skorrett allura l-argument illi l-lezjoni li jippretendi li sofra r-rikorrent tirrizulta mill-impossibbilita li jinbidel ic-certifikat tat-twelid tieghu sabiex juri li meta hu twieled diga' bhala fatt kien ta' sess femminili. Mentri ir-rikorrent jikkontendi li dan ic-certifikat, kif registrat, jikkontradici bhala fatt dak li hu pprova f'din il-kawza billi hemm fih dikjarat li hu ta' sess maskili meta jirrizulta li, permezz ta' intervent kirurgiku w trattamenti medici hu biddel is-sess fih dikjarat. L-intimat jissottometti li dan it-tibdil, skond il-ligi ta' pajjizna, ma hux permess billi c-certifikat korrettament jirregistra is-sess tar-rikorrent fil-mument storiku tat-twelid tieghu u l-istat mhux obbligat li jipprovdi ghal tibdil ta' dan ic-certifikat sakemm ma jkunx jirrizulta l-izball fil-mument tar-registrazzjoni. Ergo jigi argumentat illi r-rikorrent ma jistax jippretendi li qed isofri minn xi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ghaliex Istat bl-ebda mod ma naqsu mir-rispett lilu dovut fit-tgawdija ta' dan id-dritt fondamentali.

Dan hu infatti r-ratio wara s-sentenza "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onorevoli Prim Ministru" li segwit ir-Rees Case billi kkonsidrat - u dana gustament - illi fis-sistema taghna bhas-sistema Ingliz, certifikat tar-Registru Pubbliku jrid dejjem jirrispekkja r-rejalta' tal-fatti kif registrati f'data specifika. Irriteniet dik is-sentenza:

"Ghalhekk ma jidhirx li huwa possibbili li l-korrettezza tac-certifikat tat-twelid jew inkella c-cahda mis-sistema guridika - amministrattiva taghna tal-possibbilita' li jinbidel certifikat li huwa hekk korrett jistghu jigu ritenuti li dawn jikkostitwixxu xi ksur tad-drittijiet fondamentali."

Din il-Qorti ma tikkontestax li din il-konsiderazzjoni setghet kienet valida fil-kaz fejn giet maghmula izda fil-kaz taht ezami hu car li r-rikorrent ma kienx qed jippretendi li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu minhabba kif kienet saret l-identifikazzjoni tas-sess tieghu fic-certifikat tat-twelid tieghu "ut sic" imma qed jilmenta b'mod specifiku u dirett li l-ligi ta' Malta ma tipprovdiex ghall-esigenzi tat-transesswali u li bhala konsegwenza ta' dan in-nuqqas l-Istat kien qed jonqos mir-rispett dovut lejn id-dritt taghhom ghat-tgawdija tal-hajja privata taghhom.

Dan in-nuqqas ta' l-Istat skond ir-rikorrent jidher fil-fatt illi t-talba tieghu biex ic-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrifletti dak li, skond hu, hi r-rejalta' fizika w intellettwali tieghu llum bhala persuna ta' sess femminili giet michuda. Din ic-cahda konsoni ma' l-istat tal-ligi llum ma tikkostitwiex fiha nfisha l-lezjoni pretiza mir-rikorrent ta' dan id-dritt fondamentali imma hi biss manifestazzjoni w effett tan-nuqqas tal-Ligi ta' Malta li tipprovdi ghall-esigenzi tat-transesswali fir-rispett tad-dritt taghhom ghall-hajja privata. Fi kliem iehor ir-rikorrent qed jirreklama u jesigi mill-Istat id-dritt fondamentali tieghu li bhal kull persuna ohra hu, bhala transesswali dikjarat u pruvat fit-termini xjentifici tal-kelma, jigi assigurat lilu t-tgawdija tal-hajja privata tieghu.

**<u>Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi</u>:**

"1. Everyone has the right <u>to respect</u> for his <u>private</u> and family <u>life</u>, his home and his correspondence;

2. There should be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals or for the protection of the rights and freedoms of others."

Ir-rikorrent bhala transesswali jezigi li jigi muri fir-rigward tieghu dan ir-rispett ghall-hajja privata tieghu u jilmenta illi l-fatt illi kull darba illi jkollu jaghmel uzu minn dokument li juri l-identita' tieghu li ma jaqbilx ma' l-apparenza ovvjament femminili tieghu kien qed jassoggettah ghal trattament intollerabbili istigat mill-kurzita' jew l-kattiverja tan-nies. Trattament li wkoll jippregudikah fil-hajja tieghu bhala individwu li jrid ighix f'socjeta' u fid-dinja tax-xoghol. Dan hu llum generalment rikonoxxut anke mill-Qrati taghna.

"Ghalhekk ir-rikorrenti ppruvat b'mod sodisfacenti t-tezi taghha illi sakemm hija tibqa' registrata bhala ragel kienet qieghdha tiltaqa' ma' diffikultajiet tali illi certament jistghu jigu definiti bhala krudili w umiljanti."

Sitwazzjoni din pero' li ma hijiex ir-rizultat ta' xi nuqqas ta' rispett da parti ta' l-Istat meta gie registrat ic-certifikat

tat-twelid tar-rikorrent in kwantu dan kien sewwa jirrifletti s-sess tieghu kif kien apparentement meta twieled. Lanqas ma kienet ir-rizultat tal-fatt illi l-Istat ma bidilx ic-certifikat tat-twelid biex jirrifletti s-sess apparenti tar-rikorrent illum meta dan skond il-ligijiet vigenti l-awtorita' kompetenti ma tistax taghmlu. Hi invece sitwazzjoni li hi dovuta ghall-fatt illi l-ligi ma tipprovdiex ghall-esigenzi ta' individwu transesswali u konsegwentement tpoggih f'posizzjoni ta' inferjorita' ta' individwi ohra u tesponih ghac-cirkostanzi li fihom hu ma jkunx jista' jgawdi b'mod shih il-hajja privata tieghu. Hu f'dan li, skond ir-rikorrent, l-Istat qieghed allura jonqos li jassigura r-rispett tad-dritt ghall-hajja privata lilu dovut taht dan l-Artikolu.

L-Artikolu 8 infatti mhux biss jesigi li ma jkunx hemm mill-Awtorita' pubblika interferenza fl-ezercizzju tad-dritt ghall-hajja privata - anke allura tat-transesswali - jekk mhux fil-parametri traccjati fis-subinciz 2 ta' dak l-Artikolu imma wkoll li l-Istat jassigura d-dritt ta' kull persuna - inkluza allura tat-transesswali - ghar-rispett ghall-hajja privata tieghu. Dan billi jikkreja sitwazzjoni permezz ta' l-istrumenti fil-kompetenza tieghu biex jassigura tali rispett mhux biss mill-istess Stat imma wkoll minn cittadini ohra.

"The `positive obligations' inherent in Article 8 (1) include both those requiring the State to take steps to provide rights or privileges for individuals and those which require it to protect persons against those activities of other private individuals which prevent the effective enjoyment of these rights." (Law of the European Convention on Human Rights - Harris Boyle and Warbrick - 1995 pp 302 et seq).

Ir-rikors odjern - kif impostat - allura jmur oltre l-ilment li jirrigwarda l-effetti nocivi tar-registrazzjoni "zbaljata" tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent. Ma jekwiparax l-allegata lezjoni tad-dritt fondamentali mal-fatt ta' din ir-registrazzjoni jew mal-fatt illi l-kopja tac-certifikat tat-twelid lilu rilaxxjat in konformita' ma' dik ir-registrazzjoni ma kenitx tirrispekkja l-apparenza sesswali tieghu. Ir-rikors jattakka invece l-vera kawza ta' dawn il-konsegwenzi u cioe' in-nuqqas ta' l-istat li jassigura ir-rispett ghal hajja privata li hu wkoll dritt fondamentali tat-transesswali.

"The right to privacy consist essentially in the right to live one's own life with a minimum of interference. It concerns private, family and home life, physical and

moral integrity, honour and reputation, avoidance of being placed in a false light, non relevance of irrelevant and embarrising facts, unauthorised publication of private photographs, protection from disclosure of information given or received by the individual confidentially."

U f'din id-definizzjoni ta' dan id-dritt ghar-"respect for privacy" moghtija fir-Rizoluzzjoni 428 (1970) ta' l-Assemblea Konsultattiva Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa huma facilment identifikabbili l-ilmenti li r-rikorrent javvanza bhala li huma lezivi ta' dan id-dritt fondamentali tieghu.

Sewwa li jigi notat illi ma jirrizulta l-ebda impediment mill-Istat biex persuna transesswali tissottometti ruhha ghall-interventi kirurgici u li jigu lilha amministrati dawk il-medicinali u kuri biex tirrealizza l-karatteristici ta' dak is-sess li hi intimament thoss li lilha jappartjeni. F'dan, l-Istat gustament ma jindhalax waqt li ghall-kuntrarju jindahal, ukoll gustament, biex jimpedixxi u jevita kazijiet bhal ewtanasija, tentattiv ta' suwicidju jew awto mutilazzjoni w interventi medici li jipprovokawhom jew jiffavoruhom. Jidher allura li l-Istat jippermetti lit-transesswali li f'dawn ic-cirkostanzi estremi jirrikorri ghal "sex re-assignment" ghaliex jirrikonoxxi r-rejalta' medika illi:-

"Transsexuals suffer distinct gender disorder of unknown etiology that is capable of amelioratation, if not cure, uniquely through sex re-assignment". (Legal Aspects of Transsexualism - Sr. Mary Elizabeth SSE - 1988).

U la l-Istat jippermetti almenu sal-punt li ma jimpedixxix - dawn l-interventi medici bhala mezz ta' kura necessarja ta' din l-anormalita' ma ghandux l-istess Stat jipprovdi il-mezzi mehtiega biex dak l-istess individwu wara jgawdi fir-rispett ta' haddiehor l-identita' gdida sesswali minnu akkwistata?

Fil-fatt id-dritt ghall-identita' personali huwa l-fulcrum tal-problematika kollha ta' sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Aspett li gie accennat fil-kawza "B vs France" u fis-sentenzi l-ohra antecedenti tal-Qorti Ewropea imma li ma gie qatt frontalment trattat u diskuss. Kif ma jidhirx li jehtieg li jigi diskuss f'din il-kawza fejn ir-rikors ma jidhirx illi huwa direttament impostat fuq dawn it-termini. "The

fundamental interest within the sphere of private life is the capacity of the individual to determine his identity: to decide and then to be what he wants to be ..... There is not merely a right to a closet identity: he must be free to choose how he is to be regarded by the State and how to present himself to others."

"That is what lies at the root of transsexual cases. The central question - does the individual or does the State have the right to decide whether a person is male or female? - has not arisen. The cases do not decide what are the limits of the State's obligation to respect the self-identification of a transsexual." (Law of the European Convention on Human Rights - Ibid).

**Il-Gurisprudenza Ewropeja**

Dan ghaliex kif gustament gie rilevat fil-kawza "B vs France":-

"The legal situations which result are moreover extremely complex; anatomical, biological, physcological and moral problems in connection with transsexualism and its definition .... the legal consequences retrospective or otherwise of such a change (rectification of civil status documents) the opportunity to choose a different forename, the confidentiality of documents and information mentioning the change; effects of a family nature (right to marry, fate of an existing marriage, filiation) and so on. On these various points there is as yet no sufficiently broad consensus between the Member States of the Council of Europe to persuade the Court to reach opposite conclusions to those in its Rees and Cossey judgments."

F'dik is-sentenza infatti l-Qorti Ewropeja waslet ghall-konvincement illi:- "the inconveniences complained of by the applicant in this field reach a sufficient degree of seriousness to be taken into account for the purposes of Article 8."

Inkonvenjenzi serji li - bhal f'dan il-kaz - huma konsegwenza diretta ta' l-impossibbilita' tar-rikorrent li takkwista certifikat ta' twelid li jirrispekkja l-apparenza sesswali attwali taghha.

Il-Qorti Ewropeja kkunsidrat hekk:

"The Court thus reaches the conclusion on the basis of the abovementioned factors which distinguish the present case from the Rees and Cossey Cases and without it being necessary to consider the applicant's other arguments that she finds herself daily in a situation which, taken as a whole, is not compatible with the respect due to her private life. Consequently, even having regard to the State's margin of appreciation, the fair balance which has to be struck between the general interest and the interests of the individual has not been attained and there has thus been a violation of Article 8 ....."

Konkluzzjoni illi din il-Qorti, li qed tikkonsidra cirkostanzi u fatti kwazi identici, ma tistax ma tikkondividiex fil-kaz taht ezami, anke konsidrat il-`margin of appreciation' li indubbjament ghandu l-Istat Malti li jirregola l-esigenzi tas-socjeta' skond kif jifhem il-limitazzjonijiet ghal dan id-dritt kif elenkati fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 fic-cirkostanzi partikolari tal-pajjiz. Jekk xejn din il-Qorti - bl-akbar rispett - ma taqbilx li l-Qorti Ewropeja kellha tikkonsidra l-konkluzzjoni gusta taghha dipendenti fuq id-differenza bejn il-ligi Ingliza u dik Franciza dwar l-import ta' l-att ta' l-Istat Civili, kif dan kellu jigi regolat jew kif seta' jigi modifikat. Ghal din il-Qorti - kif inghad - dawn jidhru illi huma aktar manifestazzjoni tan-nuqqas ta' l-Istat li jipprovdi ghac-cirkostanzi partikolari tat-transesswali u ghall-protezzjoni tar-rispett dovut lejn id-dritt fondamentali rikonoxxut b'dan l-Artikolu. Huma effett ta' din il-lezjoni u mhux il-lezjoni nfisha w allura d-differenzi bejn il-legislazzjonijiet nazzjonali ma kellhomx ikollhom l-effett determinanti li kellhom u li in sostanza fil-fehma tal-Qorti iddghajjef l-effikacja u l-impatt ta' dik is-sentenza.

Sewwa jinghad illi bhala konsegwenza ta' dik is-sentenza l-Qorti Superjuri Franciza - il-"Cor de Cassation" irrikonoxxiet id-dritt tat-transesswali li jbiddlu l-istat civili taghhom.

"When, following surgical treatment undergone for therapeutic purposes, a person displaying the syndrome of transsexualism no longer possesses all the characteristics of his or her original sex and has taken on a physical appearance approaching that of the other sex the principle of due respect of privacy justifies the civil status indicating the sex which the person appears to be."

(Sentenza tal-11 ta' Dicembru 1996 kif riportata fil-gurnal awtorevoli "Le Monde").

Decizjoni li ssegwi l-insenjament tas-sentenza "B vs France" imma li wkoll tirrifletti sentenzi ohra importanti tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja fl-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 8. L-iktar recenti huma zewg decizjonijiet tal-Kummissjoni fuq fatti simili li t-tnejn b'vot prattikament unanimu ddecidew l-opinjoni li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Decizjonijiet moghtija fil-21 ta' Jannar 1997 fl-applikazzjonijiet fl-ismijiet "Kristina Sheffield vs United Kingdom" u "Rachael Horsham vs United Kingdom".

"Article 8 does not merely compel the State to abstain from ... interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private and family life ... These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves." ["X and Y vs Netherlands" (A 91 para 23) (1985)].

F'dan ir-rigward tidher ukoll affermata il-gurisprudenza ta' Qrati Kostituzzjonali ta' diversi pajjizi Ewropej fosthom dik Taljana. Issir riferenza ghal dak konsidrat, fost ohrajn, fis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fl-24 ta' Mejju 1985 (Numru 0161). Anke jekk ma ghandux jigi traskurat li l-ligi Taljana fir-rigward ta' l-atti ta' l-Istat Civili ma tattaljax kompletament ma' dik nostrana, il-konsiderazzjonijiet ta' dik il-Qorti ghandhom rilevanza notevoli u huma ta' attwalita' ghal meritu f'din il-kawza.

"In quanto consente la rettificazione di cui all'Art. 454 Codice Civile anche in forza di sentenza passata in giudicato, che attribuisce ad una persona di sesso diverso da quello enunciato in atto di nascita a seguito di intervenuta modificazione dei suoi caratteri sessuali (Art. 1). Lamenta il giudice a quo che la rettificazione giudiziale sia attualmente consentita non soltanto a seguito di evoluzione naturale di situazioni originariamente non ben definite sotto il profilo sessuale, ma anche nel caso in cui, sulla base di una dichiarata psico-sessualita' in contrasto con la presenza di organi dell'altro sesso, si intervenga con operazioni demolitorie

e ricostruttive, alterando gli organi esistenti, allo scopo di conferire al soggetto la mera apparenza del sesso opposto (cosiddetto transessualismo). Va definito come "transessuale", sulla scorta delle elaborazioni dottrinali medico-legali, il soggetto che, presentando i caratteri genotipici e fenotipici di un determinato sesso, sente in modo profondo di appartenere all'altro sesso, del quale ha assunto l'aspetto esteriore ed adottato i comportamenti, e nel quale, pertanto, vuole essere assunto a tutti gli effetti ed a prezzo di qualsiasi sacrificio; allo stadio attuale delle conoscenze scientifiche, si riconosce che la sindrome transessuale non puo' essere efficacemente curata ne' con terapie ormonali, ne' con interventi di psico-terapia; soltanto l'operazione chirurgica, demolitorio-ricostruttiva, puo' dare risultati positivi, come e' stato verificato nella grande maggioranza dei casi considerati: infatti in tal modo si soddisfa la esigenza fondamentale del transessuale, che e' quella di far coincidere il soma con la psiche. Il legislatore e' dovuto quindi intervenire su una realta' fenomenica nuova, certamente senza provocarla ne' agevolarla, nel senso che ai fini della nuova identificazione sessuale viene conferito rilievo non piu' esclusivamente agli organi genitali esterni, quali accertati al momento della nascita ovvero naturalmente evolutisi (sia pure con l'ausilio di appropriate terapie medico-chirurgiche), ma anche ad elementi di carattere psicologico e sociale, in adesione alla concezione di sesso come dato complesso della personalita', determinato da un insieme di fattori, dei quali deve essere agevolato e ricercato l'equilibrio, privilegiando quelli dominanti. In tal modo il legislatore italiano si e' allineato agli orientamenti legislativi, amministrativi e giurisprudenziali gia' affermati in numerosi stati, e fatti propri, all'unanimita', dalla Commissione della Corte Europea dei diritti dell'uomo (decisione 9 maggio 1978). L'Art. 1 Cit. ha innovato, con carattere di generalita', le disposioni dell'Art. 454 Codice Civile, riguardando tutte le ipotesi di rettificazione giudiziale dell'attribuzione di sesso, senza prendere in considerazione il modo in cui le modificazioni medesime si siano verificate (in maniera naturale o a seguito di intervento medico-chirurgico).

**Bilanc gust bejn l-individwu w is-socjeta'**

Hu infatti fl-impatt li l-protezzjoni tad-drittijiet ta' individwu bi problemi jew ahjar partikolaritajiet specjali jkollu fuq is-socjeta' li fiha jehtieglu jghix li jinholqu sitwazzjonijiet problematici li l-Istat jehtieglu jaffronta, jevalwa w isolvi u li l-Qrati huma fid-dover li jidentifikaw u, jekk jinqala' l-kaz, jiddeciduhom u jipprovdu rimedju adegwat. Hu ghalhekk li hi llum gurisprudenza pacifika tal-Qorti Ewropeja illi:

"It conceded a wide "margin of appreciation" to States to decide what "respect" was required in the circumstances of a particular application. What the State has to do the Court has said on several occasions is to have regard "to the fair balance that has to be struck between the general interests of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole convention". [Cossey vs UK A 184 para 37 (1990)].

Aspetti bazilari dawn li gew ukoll individwati w apprezzati fis-sentenza "Cassar vs Onor. Prim Ministru" u senjatament fis-segwenti paragrafi 19 u 20.

"19. Fis-sentenza appellata din id-dwalita' tal-problema - l-interess generali u l-interess tar-rikorrent - ma gietx verament investita. U ghal din il-Qorti din hija <u>verament l-unika diffikulta'</u> fil-kwistjoni kollha, ghaliex altrimenti, kieku mhux ghal dan l-"interess" komunitarju, l-Istat ma kienx ikun b'ebda mod intitolat li jindahal fi kwistjoni bhal din. Il-kontrolli statali, li dejjem qeghdin izidu imposizzjonijiet ghall-"identifikazzjoni" tac-cittadin, bhal per ezempju l-"Att dwar il-Karti ta' Identita'" tal-1976 - Kap. 258 - inevitabbilment dejjem qeghdin icekknu l-arja tal-"privat" ta' l-individwu. Dawn huma kollha bazati fuq il-klassifika dualistika ta' l-ezistenza umana bazata fuq is-sess - maskili/femminili. Hija din ir-realta' tinbidel u tispicca dik l-istaticita' li hija prezunta fil-maggoranza kbira tac-cittadini "debitament skedati".

20. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni sar parti mil-ligijiet ta' Malta fl-1987. Il-konkluzjoni li se ssegwi tipprova tasal ghal dak il-<u>bilanc</u> bejn l-interessi diversi imsemmija, <u>kif sal-lum jistghu jigu konkordati</u>, biex <u>kemm jista' jkun</u>, il-vot ta' dan l-Artikolu jigi implimentat billi jigi akkordat kull rispett ghad-drittijiet ta' l-individwu kompatibbilment mar-rispett ghad-drittijiet tal-membri l-ohra tal-komunita' li fiha huwa jghix."

## Konsiderazzjonijiet ulterjuri

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet li ghandhom ukoll rilevanza fir-rigward tar-rimedju mitlub mir-rikorrent.

01. Din il-Qorti ghandha toqghod ferm attenta li f'materja ta' komplessita' guridika kbira ma tohrogx mill-parametri stretti tat-talba tar-rikorrent immirata biex tassigura li l-istat civili tieghu, illum ta' ragel, tigi tikkorrispondi ghar-rejalta' femminili li issa akkwista. Dan partikolarment b'riferenza ghar-rimedju mitlub li din il-Qorti tordna li fic-certifikat tieghu s-sess li bih hu ndikat jigi mibdul minn maskil ghal femminil u li ismu jigi registrat bhala Rachael minflok Raymond. Sitwazzjoni din li qed tigi wara s-sentenza "B vs France" u fid-dawl taghha kif fuq accennat kwazi unanimament kunsidrata bhala li tikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprotegi d-dritt fundamentali ta' l-individwu ghall-privatezza u li ghalih l-Istat ghandu allura jipprovdi rimedju;

02. Din il-Qorti wkoll ma tarax li seta' jitqies li hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent bil-fatt ta' kif gie inizjalment registrat ic-certifikat tat-twelid tieghu li zgur kien jistabilixxi stat ta' fatt <u>apparenti</u> f'dak il-mument u kien jirrispekkja r-rejalta' kif kienet maghrufa. Din il-Qorti ma tasalx biex tghid b'certezza - kif sostnew sentenzi antecedenti - li ma kienx sar zball <u>fis-sostanza</u> meta saret ir-registrazzjoni. Zball li allura seta' wkoll ikun korrett bil-proceduri ordinarji previsti fil-Kodici Civili. Dana fis-sens illi jekk wiehed jaccetta - kif ghandu - illi "is-sess jinkludi fih kemm il-fiziku kif ukoll il-psikologiku u li dawn iridu jaqblu", fil-kaz ta' konflitt car kif hu l-kaz prezenti, hu ovvju li biex wiehed jasal ghal x'kellu jitqies li hu s-sess ta' individwu, wiehed kellu necessarjament jikkonsidra z-zewg elementi kostituttivi biex jara liema kien dak l-aktar predominanti li jghati timbru indelibbili lil dik il-persuna u li kien jikkwalifikah bhala ta' sess u mhux ta' iehor. U jekk jigi accettat dak li hu suggerit fir-rapport psikjatriku illi "l-mentalita' pura femminili" tar-rikorrent tinkludi wkoll "istint u identita' femminili ta' certa qawwa" li t-transesswali jidher li jitwieled bihom jista' ma jkunx daqstant difficli li wiehed jikkonsidra li s-sess tieghu kif deskritt fic-certifikat tat-twelid seta' <u>meta twieled</u> ma kienx precizament deskritt in kwantu kien biss jirregistra l-apparenza fizika u mhux il-persuna

shiha ta' l-individwu kif sussegwentement immanifestat ruhha li kienet sa mit-twelid;

03. Il-Qorti qed taghmel din ir-riflessjoni mhux tant ghaliex hi rilevanti f'dan il-kaz fejn ir-rikorrent jirrizulta mill-provi li kien diga' ittanta li jottjeni rimedju permezz ta' proceduri ordinarji imma bla success u allura kien fadallu biss rikors lil din il-Qorti. Il-konsiderazzjoni qed issir ghax tista' tkun ta' gwida ghall-kazijiet ohra kongruwi fejn tintalab korrezzjoni ta' l-atti tat-twelid mill-Qrati ordinarji kompetenti fejn u meta c-cirkostanzi jkunu hekk jippermettu. Materja li timmerita approfondament ulterjuri. Dan apparti, din il-Qorti tifhem allura kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Cassar vs Prim Ministru" illi ma kienet tirrizulta l-ebda lezjoni tad-dritt fondamentali ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni bis-semplici registrazzjoni originali tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent anke jekk f'certu sens din tista' titqies skorretta. Issib pero' li hemm lezjoni ta' dan id-dritt fondamentali fin-nuqqas ta' l-Istat li jipprovdi l-makkinarju mehtieg biex - una volta stabbilita bla ebda dubbju l-identita' femminili ta' l-individwu - tali fatt jigi debitament registrat fl-att tat-twelid tieghu w inoltre li jipprovdi l-mezz kif jigi protett lil dak l-individwu id-dritt tal-privatezza fit-tgawdija ta' dik l-identita' "gdida" definittivament skoperta;

04. Hu indubbjament veru illi l-materja taht ezami tibqa' tipprezenta aspetti delikati u komplikati medico/legali li ma humiex ta' facli definizzjoni u li ghadhom soggetti ghad-dibattitu u studju. Fosthom jekk it-transesswali jistax jew le jinghad li akkwista sess gdid differenti minn dak li apparentement kellu jew jekk fil-verita' baqax bis-sess li kellu meta twieled nonostante t-tibdil fl-apparenza jew jekk it-tibdil ta' sess <u>fiziku</u> setax jitqies li huwa kosmetiku li jissodisfa bzonn terapeutiku u mhux wiehed aktar fondamentali. Hemm min isostni illi bil-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tat-transesswali u bhala konsegwenza tieghu xejn ma jkun jimpedixxi z-zwieg tat-transesswali bejniethom jew ma' haddiehor jew il-possibbilita' illi jghamlu proceduri ta' adozzjoni. Mhux il-kaz li dawn u konsiderazzjonijiet ohra jigu approfonditi f'din is-sede. Bizzejjed jinghad li l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid <u>wahedha</u> ma tiggustifika l-ebda wahda minn dawn il-konsiderazzjonijiet u bl-ebda mod ma jista' jitqies li qed jinfetah il-bieb ghal dawn il-possibbilitajiet. Li qed jigi hawn konsidrat huwa biss jekk ir-rimedju mitlub mir-rikorrent kienx mehtieg biex jassigura

t-tgawdija minnu tad-dritt fondamentali tieghu ghall-hajja privata tieghu kif protett bl-Artikolu 8. Ghax hu dan id-dritt biss li qed jigi konsidrat f'dan ir-rikors u mhux drittijiet ohra, anke fondamentali, li jistghu jkunu involuti fil-materja;

05. Mis-sentenzi tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja u sa certu punt anke mis-sentenza "Cassar vs Prim Ministru" jidher pacifiku illi l-fatt li r-rikorrent baqa' jigi konsidrat bhala ragel mil-ligi meta dan ma kienx jaqbel mar-rejalta' apparenti tieghu illum u li dan ifisser li f'diversi okkazzjonijiet ir-rikorrent kellu jizvela s-sess tieghu precedenti b'inkonvenjenzi u tribulazzjonijiet socjali mhux zghar, kien ovvjament jikkostitwixxi nuqqas ta' rispett ghall-hajja privata tieghu. Ir-rimedju akkordat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Cassar vs Prim Ministru" - nonostante li kif inghad ma rriskontrax vjolazzjoni - kien li tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent izzid a tergo ta' l-istess dikjarazzjoni fis-sens illi f'certu data minhabba intervent kirurgiku r-rikorrent "akkwista sess femminili u ghalhekk hija maghrufa bhala Roxanne Cassar". Ir-rikorrent odjern tqis din ix-xorta ta' rimedju mhux adegwat. Tqisu anzi kontro-produttiv;

06. Id-diffikolta' logistika ta' kif ghandu jigi formulat ir-rimedju indubbjament mehtieg issa li giet stabbilita l-vjolazzjoni, timporta ezami proprju ta' dak il-bilanc bejn l-interessi ta' l-individwu li id-dritt fondamentali tieghu jkun qed jigi vjolat u dawk tas-socjeta. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali:

"Il-konkluzzjoni li ser issegwi tipprova tasal ghal dak il-<u>bilanc</u> bejn l-interessi diversi msemmija, kif sallum jistghu jigu konkordati biex <u>kemm jista' jkun</u> il-vot ta' dan l-Artikolu jigi implimentat billi jigi akkordat kull rispett ghad-drittijiet ta' l-individwu kompatibbilment mar-rispett ghad-drittijiet tal-membri l-ohra tal-komunita' li fiha huwa jghix."

Konsiderazzjoni gusta li tirrifletti bi precizjoni s-subinciz 2 ta' l-Artikolu 8. Issa qed jigi meqjus illi l-fatt li certifikat tat-twelid ta' persuna transesswali ma jkunx jirrispekkja r-rejalta' apparenti tieghu fir-rigward tas-sess u ta' l-isem fih indikat kien gust li jigi konsidrat li jikkostitwixxi ksur ta' dak id-dritt. Dan bil-fatt biss li l-Istat bl-agir tieghu ta' kommissjoni jew ommissjoni jonqos li jirrettifikah. Ghandu jigi allura konsidrat x'rimedju kellu jinghata lir-rikorrenti kompatibbili mar-rispett dovut lil membri l-ohra tas-

socjeta' jekk din l-interferenza attiva jew passiva minn awtorita' pubblika fl-ezercizzju ta' dak id-dritt tal-privatezza ma kenitx gustifikata fit-termini ta' dan is-subinciz;

07. Jidher illi r-rimedju li ghandu jkun accessibbli ghar-rikorrent jista' - fin-nuqqas ta' provvediment legislattiv ad hoc li sallum ghadu ma sarx nonostante r-rakkommandazzjoni maghmulha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ahhar paragrafu fis-sentenza taghha fil-kawza "Cassar vs Prim Ministru" - jinstab fl-interpretazzjoni gusta ta' l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 illuminata fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, illum parti mill-korp legislattiv Malti ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Din ma ghandhiex tipprezenta wisq diffikolta' fir-rigward ta' l-isem jew l-ismijiet li bihom ir-rikorrent jigi msejjah. Ma ghandux ikun hemm ostakolu biex ir-rikorrent jigi rikonoxxut li minn mindu u mill-mument illi akkwista is-sess femminili "<u>konstantement</u>" kien imsejjah bl-isem femminili minflok dak maskili li gie moghti lilu fl-att tat-twelid. Jirrizulta mill-provi li hekk ried u kien maghruf ir-rikorrent mill-familja tieghu u minn haddiehor u jirrizulta li kien juza l-isem femminili sakemm dan kien possibbili u sakemm ma sabx l-ostakolu amministrattiv li kien jimponielu li juza l-isem maskili li kien jirrizulta fic-certifikat tat-twelid tieghu;

08. Is-subinciz 2 ta' l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal dan it-tibdil ta' isem ma jistabilixxi l-ebda zmien jew terminu li fih persuna kellha konstantement tkun qed tuza isem divers minn dak indikat fic-certifikat tat-twelid taghha. Fil-kaz ta' persuna transesswali hu allura sufficjenti li din kienet titqies li qed tuza dak l-isem femminili sa miz-zmien meta tkun assumiet il-fiziku femminili. Din il-Qorti ma jidhirlhiex illi interpretazzjoni simili li tippermetti lir-rikorrent li jaghmel uzu minn isem femminili konformi mal-fiziku tieghu u li jnaqqas hafna mill-inkonvenjenzi li minnhom jilmenta r-rikorrent, tohloq xi disgwid socjali jew taccentwa xi konflitt mad-drittijiet tas-socjeta' li fiha r-rikorrent jghix.

Hu infatti fl-indikazzjoni tas-sess fic-certifikat li jinholqu diffikultajiet. Indikazzjoni li tirrizulta obbligatorja kemm fic-certifikat tat-twelid shih kif ukoll fl-estratt li jigi rilaxxjat konformement mieghu a tenur ta' l-Artikolu 251 tal-Kodici Civili. Dan ghaliex is-subinciz (1) ta' l-Artikolu

253 jipprovdi "li kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni ta' att illi d-Direttur bil-kunsens ta' wiehed mill-Magistrati ta' l-Atti Notarili jkun irrifjuta li jircievi."

Hu minnu - u dan gie diga' rilevat - illi fil-mument meta gie registrat it-twelid tar-rikorrent ma jistax jinghad li r-registrazzjoni tas-sess kienet volutament zbaljata billi certament rikorrent kien apparentement ta' sess maskili. Zgur ma jistax jinghad illi f'dawk ic-cirkostanzi l-Istat ikkommetta xi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent. Kif hu veru wkoll illi llum - wara l-intervent kirurgiku u trattament mediku - ir-rikorrent hu llum ta' sess apparentement femminili. Ir-rejalta' xjentifika ghadha qed tigi kombattuta u ma hijiex ben definita. Minn dan johrog il-konflitt ovvju li ma jippermettiex ir-rispett ghall-hajja privata li r-rikorrent hu intitolat ghalih fit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tieghu. Mill-banda l-ohra s-socjeta' ghandha f'determinati cirkostanzi tkun f'posizzjoni li tkun taf bil-bidla apparenti fis-sess tar-rikorrent billi dan jista' jkun rilevanti u kultant ukoll determinanti fir-relazzjonijiet tar-rikorrent ma' membri ohra ta' l-istess socjeta' li hi wkoll ghandha drittijiet fondamentali taghha x'jigu mharsa. Jigifieri hu ovvju li jezistu cirkostanzi fejn hu d-dritt ta' individwi ohra li jkunu jafu jew li jkunu f'posizzjoni li jakkwistaw l-informazzjoni korretta fuq l-istat sesswali tar-rikorrent. F'dawn ic-cirkostanzi l-element tas-sess tar-rikorrent ma jibqghax aktar wiehed strettament personali in kwantu isir fattur li jista' jinfluwenza l-hajja w id-drittijiet ta' haddiehor. Ghal dawn l-okkazzjonijiet - kif jigri f'hafna okkazzjonijiet ohra fil-hajja ta' kull individwu fis-socjeta' - l-Istat jista' allura jkollu interess u kull dritt u anzi l-obbligu li jillegisla. Ezempji ovvji huma dawk gia citati fosthom li jigi permess zwieg ta' transesswali jew adozzjoni minnhom.

09. L-att tat-twelid jirrifletti u jirregistra r-rejalta' apparenti skond kif generalment accettata mis-socjeta'. Ma jirriflettix u ma jirregistrax necessarjament rejalta' xjentifika. Il-percezzjoni allura ta' x'inhu s-sess li kellu jigi attestat lit-tarbija jista' eventwalment jirrizulta xjentifikament zbaljat. U ma humiex injoti kazijiet ta' din ix-xorta anke fejn non si tratta ta' transesswali. Din il-Qorti ma tazzardax tesprimi opinjoni fuq materja xjentifika ta' komplessita' kbira bhal din li tezorbita mill-kompetenza taghha u li fiha tikkonfessa inkompetenza. Tinnota biss illi gie deciz fis-sentenza "B vs France" illi

xjentifikament wiehed ma jkunx biddel is-sess tieghu ghaliex ikun semplicement assoggetta ruhu ghal intervent kirurgiku. Dan hu indubbjament korrett. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ittendi li taccetta l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' New Jersey, l-Istati Uniti illi ma accettatx il-fehma illi s-sess ta' persuna hi determinata biss mil-"chromosomes" tieghu jew taghha jew minn kif is-sess ta' dik il-persuna giet deskritta fic-certifikat tat-twelid. "If the anatomical or genital features of a genuine transsexual are made to conform to the persons' gender, psyche or physcological sex, their identity must be governed by the congruence of these standards." Hu allura fl-analizi prettament legali ta' x'inhi verament in-natura w il-funzjoni ta' l-atti ta' l-Istat Civili li tista' tinstab is-soluzzjoni fir-rigward tar-rimedju li jista' jigi offert fil-kaz taht ezami fil-qafas tal-ligijiet ezistenti. Dan ghaliex ghandu jkun car li din il-Qorti ma ghandhiex poter li timponi rimedju legislattiv, ghajr li tiddikjara norma bhala li tivvjola l-jeddijiet fundamentali. Tista' biss tissollecita li dan isir f'determinati cirkostanzi biex jigu salvagwardjati tali jeddijiet fundamentali. Dan hu proprju wiehed minn dawn il-kazijiet.

10. Ghandu jkun allura pacifiku illi waqt li hu minnu illi c-certifikat tat-twelid jirregistra fatt storiku u f'dan is-sens ma jistax jinghad li kien zbaljat meta sar ghax kien jiddeskrivi r-rejalta' kif maghrufa f'dak il-mument, daqstant iehor ma jistax jinghad li ma hux zbaljat illum meta jirregistra fatt li manifestament ma ghandux riskontru fir-rejalta'. Hu certifikat inveritier u taht certu aspett jista' anke bla wisq tigbid jew immaginazzjoni xjentifika jinghad li ma kienx ghal kollox korrett meta gie inizjalment registrat in kwantu r-rikorrent kien qed jigi maghruf mod iehor milli kieku kien jigi maghruf li kieku kienet nota l-kondizzjoni partikolari tieghu. Li jfisser li daqs kemm hu fl-interess tas-socjeta' illi c-certifikati ta' l-Istat Civili jirregistraw il-mument storiku meta dawn jigu redatti u ma jigux korretti jekk ma jkunx jirrizulta zball fil-mument tar-registrazzjoni, daqstant iehor hu fl-interess tas-socjeta' illi dawn l-atti ta' l-Istat Civili jkunu fedelment jirregistraw il-verita' fattwali dwar il-persuna li taghha jipprovdu l-informazzjoni. Il-ligi ghalhekk ghandha sa fejn hu konsentit tigi interpretata b'mod li tassigura li l-atti ta' l-Istat Civili jirrispekkjaw il-verita' kif maghrufa fil-mument ta' registrazzjoni taghhom kif ukoll il-verita' fil-mument meta jigi rilaxxjat ic-certifikat b'mod li kull tibdil ta' sostanza jkun jista' jigi konstatat u rintraccjat.

Altrimenti jinfetah il-bieb ghall-ingustizzja u disgwid socjali. Hu ghalhekk li l-ligi tippermetti l-annotazzjonijiet fl-atti ta' l-istat civili.

F'materja ta' drittijiet fondamentali imbaghad ghandu wkoll sa fejn hu konsentit mill-gid komuni skond kif delinejat fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 isib favur u jinghata protezzjoni r-rispett dovut lill-hajja privata ta' l-individwu fir-relazzjonijiet li johloq ma' bnedmin ohra fis-sostanza intrinsika tieghu aktar milli l-valur li jista' jinghata lir-registrazzjoni storika ta' fazi ta' hajtu mill-Istat. Certifikat li fil-verita' ma fih l-ebda valur fih innifsu imma huwa biss importanti u ghandu rilevanza sa fejn huwa mehtieg - kif indubbjament huwa - biex tigi sewwa regolata l-konvivenza socjali bazata fuq il-koncett ta' nukleju familjari.

L-atti ta' l-istat civili w ic-certifikati rilaxxjati ma jimpedixxu bl-ebda mod il-holqien ta' relazzjonijiet bejn individwi. Il-fatt li l-Istat jirrikonoxxi l-istat taz-zwieg per ezempju u jimponi r-registrazzjoni ta' dan l-istat civili qatt ma impedixxa l-konkubinagg. L-istess il-fatt li transesswali jigi indikat fic-certifikat bhala ta' sess maskili mhux ser jimpedih milli jidhol f'relazzjonijiet li jidhirlu ma' persuna ohra ta' l-istess sess tieghu jew ta' sess divers. Jidher allura li jkun ferm aktar benefiku ghas-socjeta' illi c-<u>certifikat tat-twelid</u> rilaxxjat lill-persuna transesswali jkun jirrispekkja l-verita' fattwali mhux biss tal-fiziku gdid femminili illi hu jkun akkwista imma wkoll u aktar importanti illi b'dak il-fiziku dak l-individwu jkun irrealizza l-espressjoni tal-femminilita' intrinsika tieghu u kull ma din timporta. Dan jista' u ghandu jsir sakemm jigi assigurat illi l-att tat-twelid tar-rikorrent jibqa' fedelment jirregistra l-fatti storici li minnhom ghadda l-individwu fir-rigward tas-sess tieghu ghax dan hu mehtieg biex jassigura protezzjoni adegwata lil dawk il-membri l-ohra tas-socjeta' li jkunu jixtiequ u jkunu interessati li jidhlu f'relazzjoni mieghu. Dana biex ma jinghadx ukoll illi taht certi aspetti anke l-Istat li fl-ordinament guridiku socjali ghadu f'certi cirkostanzi, anke jekk rari, jipprovdi diversament bejn persuni ta' sess divers, ghandu kull dritt u interess li jkollu access ghal din l-informazzjoni proprju in vista tal-limitazzjonijiet ta' dan id-dritt fondamentali espressi fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 li fir-rigward taghhom l-Istat jista' jintervjeni. Bizzejjed isir accenn per ezempju ghal dawk il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali li jipprovdu

diversament ghall-irgiel u nisa kemm fir-rigward ta' delitti kif ukoll ta' pieni.

11. Jibqa' il-problema ta' kif jista' jigi assigurat illi c-certifikat tat-twelid rilaxxjat lir-rikorrent ma jkollux riferenza ghal fatt li kien gie originarjament registrat ta' sess maskili. F'dan ir-rigward tar-registrazzjoni tas-sess tar-rikorrent din il-Qorti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Roxanne Cassar vs Onor. Prim Ministru" gia citata li bhala rimedju ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li fil-margini tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent issir riferenza ghad-decizjoni taghha u li f'kull kopja ta' l-estratt minn dan ic-certifikat minnu rilaxxjat kull fejn hemm l-isem tar-rikorrent maskili jigi sostitwit bl-isem femminili u minflok il-kelma "male" titnizzel il-kelma "female". Ma jidhirx li dan it-tip ta' rimedju huwa konsentit minn ligijiet vigenti "multo magis" meta fil-verita' ma kienx qed jigi mimsus l-att tat-twelid innifsu u kien qed jigi awtorizzat il-hrug ta' certifikat li ma kienx jaqbel ma' l-att tat-twelid, anke jekk bl-annotazzjoni awtorizzata.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti lanqas tista' taqbel mar-rimedju moghti f'din l-istess kawza mill-Qorti Kostituzzjonali in kwantu kif fuq indikat dan ir-rimedju bl-ebda mod ma jiggjova lir-rikorrent li jibqa' jkollu necessarjament jipproduci kull meta mehtieg, certifikat tat-twelid tieghu jew estratt tieghu bl-annotazzjoni indikata fis-sentenza. Dan ikollu l-effett illi jippaleza proprju dak li fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi l-ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni w in-nuqqas ta' rispett ghall-hajja privata tar-rikorrent. Dan ir-rimedju inoltre fir-rigward ta' l-annotazzjoni ta' l-isem femminili assunt mir-rikorrent ma hux konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li jawtorizzaw l-uzu ta' isem iehor mhux dak li inghata meta t-twelid gie registrat. Lanqas jidher li l-Qorti Kostituzzjonali awtorizzat l-uzu ta' dak l-isem jew issopprimiet l-isem li r-rikorrent kellu qabel. Awtorizzat biss ir-registrazzjoni ta' annotazzjoni tal-fatt li r-rikorrent kien qed juza isem femminili. Gustament allura r-rikorrent odjern iddikjara ruhu b'mod sodisfatt b'rimedju ta' din ix-xorta, anzi jhoss li dan ikun jaggrava l-posizzjoni tieghu.

12. Anke jekk ghandu f'dan l-istadju jigi osservat illi ma tirrizultax accettata l-klassifika tal-bniedem fi tlett kategoriji ta' sess u cioe' maskil, femminil u transesswali. Zgur li t-transesswali nfushom ma

jaccettawx din id-divizjoni u jippretendu illi wara l-kirurgija huma ghaddew minn sess ghall-iehor li jidentifikaw ruhhom fih u ma baqghux fil-limbu ta' incertezza bejn sess u iehor. Mill-banda l-ohra huma ma jistghux jippretendu li jaharbu mir-rejalta' tan-natura li tajjeb jew hazin ghamlithom xi ftit differenti minn haddiehor, kif ukoll ma jistghux jaharbu mir-rejalta' li s-socjeta' li fiha huma jghixu, waqt li hi fid-dover tirrispetta l-hajja privata taghhom ghandha kull dritt li tipprovdi ghal sitwazzjoni partikolari taghhom in konformita' ma' dak li hi tqis li ghandu jkun ir-regolament socjali fir-rigward taghhom u f'dan isib applikazzjoni tieghu s-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti tifhem li f'dan il-kuntest hu bizzejjed li s-socjeta' tipprovdi li jibqa' registrat u accessibbili ghal min ikollu interess pruvat it-tibdil li ghadda minnu r-rikorrent. Kif u ghal min ghandha tkun accessibbli din l-informazzjoni, ghandha tkun materja ta' legislazzjoni li sallum, nonostante r-rakkommandazzjoni esplicita' tal-Qorti Kostituzzjonali w il-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea ghadha ma saritx.

13. Il-Qorti tqis allura li jkun rimedju adegwat illi apparti tibdil fir-rigward ta' l-isem li bih kellu dritt jissejjah ir-rikorrent, u dana anke a tenur tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 253 ic-certifikat tat-twelid tieghu ghandu jigi korrett billi is-sess tieghu jigi indikat bhala femminili minflok maskili. Dana kif provdut fis-subinciz (1) ta' l-istess Artikolu u a bazi tal-konsiderazzjoni illi hu illum pruvat illi s-sess predominanti tar-rikorrent mehud fit-totalita' tieghu kien meta twieled dak femminili u mhux maskili. A tergo ta' l-istess certifikat tieghu ghandu jigi registrat u annotat li din il-korrezzjoni kienet qed issir in forza ta' din is-sentenza u wara li r-rikorrent kien ghamel l-intervent kirurgiku li bih assuma anke fl-apparenza s-sess femminili. Dan ir-rimedju jkollu l-vantagg ovvju w immedjat illi l-att tat-twelid tar-rikorrent u b'mod partikolari l-estratt minnu rilaxxjat ikunu jirrispettaw ir-rejalta' fattwali tallum. Konsegwentement ic-certifikat mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jkun jinkludi l-ebda riferenza ghal konnotati li ghalihom ir-rikorrent gustament qed jilmenta bhala li jivvjolaw id-dritt tieghu ghar-rispett ghal hajja privata tieghu. Dana fil-waqt li jigi assigurat illi s-socjeta' jkollha protezzjoni adegwata in kwantu tkun tista' tibqa' ssir riferenza fejn u meta jkun hekk mehtieg ghac-cirkostanzi partikolari li minnhom kellu jghaddi r-rikorrent fil-hajja sesswali tieghu. Il-Qorti

tqis illi tehtieg legislazzjoni biex jigi assigurat meta u f'liema cirkostanzi din l-informazzjoni ghandha tigi zvelata u sa liema punt ghandha tigi assigurata l-konfidenzjalita' ta' annotazzjonijiet ta' din ix-xorta. Annotazzjoni li hi sallum facilment accessibbili b'mod li ma jehtieg l-ebda raguni gustifikattiva biex l-awtorita' kompetenti tizvelaha.

**Trattament degradanti u inuman**

Ir-rikorrent ilmenta wkoll li l-fatti li fuqhom hu bbazat ir-rikors tieghu jikkostitwixxu trattament degradanti w inuman u allura jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Dan l-ilment ma jirrizultax fil-fehma ta' din il-Qorti pruvat in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward ta' l-inkonvenjenzi u frustrazzjonijiet li hu certament isofri f'certi cirkostanzi ma jikkwalifikawx bhala trattament inuman u degradanti kif interpretati fil-gurisprudenza nostrana u fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja. Huma f'kull kaz principalment ir-rizultat ta' cirkostanzi naturali partikolari ghar-rikorrent li ghalihom certament ma jahtix l-Istat.

Dan l-ilment ma jirrizultax ghalhekk sostnut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi illi:-

1. Ma jirrizultax mill-fatti tal-kawza illi ir-rikorrent kien qed jigi assoggettat ghal trattament degradanti w inuman bi ksur tad-dritt fondamentali protett bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. Jirrizulta pruvat u hekk qed tiddeciedi illi l-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdix ghall-esigenzi tat-transesswali, fosthom ir-rikorrent, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-registrazzjoni fl-att tat-twelid taghhom tas-sess u ta' l-isem li bih kellhom jigu msejha jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali taghhom u allura tar-rikorrent kif protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward tar-rispett ghall-hajja privata taghhom;

3. Bhala rimedju tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li fl-att tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv 4360/68 fil-kolonna "Jekk tifel jew tifla" - "Sex" il-kelma "Boy" tigi sostitwita bil-kelma "Girl" u fil-kolonna "Ismijiet moghtijin" - "names given" l-isem

> "Raymond" jigi sostitwit bl-isem "Rachel" u inoltre tordna lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku li ssir l-annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' din is-sentenza u wara li l-istess rikorrenti kien issottometta ruhu ghall-intervent kirurgiku ta' "gender reassignment" fis-17 ta' Gunju 1993.
>
> Il-Qorti tirrizerva li taghti kull provvediment iehor fir-rigward ta' dan ir-rimedju, dejjem fil-parametri fih stabbiliti, jekk ikun il-kaz fuq rikors minn xi parti fil-kawza.
>
> L-ispejjes stante n-natura tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti".

Minn dik is-sentenza appella r-rikorrenti Gilford permezz ta' rikors ta' l-appellipprezentat fit-2 ta' Mejju, 1997 kif ukoll incidentalment l-intimat appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu pprezentata fid-9 ta' Mejju, 1997.

L-appellanti Gilford qieghed jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ikkonstatat vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fejn tat ir-rimedju tal-bidliet mitluba minnu fic-certifikat tat-twelid, u tirrevokaha fejn ordnat l-annotazzjoni fl-istess certifikat fis-sens aktar dettaljatament espost fil-paragrafu 27 tar-rikors ta' l-Appell tieghu.

Min-naha tieghu l-appellat qieghed fl-ewwel lok jitlob li l-appell tar-rikorrent jigi respint bl-ispejjez, u fit-tieni lok, bhala appell incidentali, qieghed jitlob illi din il-Qorti tirriforma s-sentenza

appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabet ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, u tirriformaha fejn sabet ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni billi tikkonstata li ma sar ebda ksur ta' dan l-artikolu u dan fid-dawl ta' kazistika kemm lokali kif ukoll Ewropeja u, fl-ahhar nett, tirriformaha fit-tip ta' rimedju li tat billi jew ma taghti ebda rimedju, jew taghti rimedju simili ghal dak li nghata minn din il-Qorti fil-kaz "Cassar vs Onor. Prim Ministru", bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

**<u>L-Aggravji ta' l-appell tar-rikorrent</u>**

Ir-rikorrent appellant essenzjalment jiddikjara li jikkondividi pjenament il-premessi u dispositiv tas-sentenza minnu appellata, hlief fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat "li ssir l-annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' din is-sentenza u wara li l-istess rikorrenti kien issottometta ruhu ghal intervent kirurgiku ta' "gender reassignment" fis-17 ta' Gunju, 1993".

Skond l-appellant dan ir-"rimedju" imur kontra, u jinnewtralizza ghal kollox, il-premessi u r-ratio tas-sentenza appellata.

In sostenn ta' l-aggravju tieghu l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet:

a) L-ewwel Onorabbli Qorti, gustament, sabet li n-nuqqas ta' rikonoxximent legali min-naha ta' l-Istat, tar-rejalta' psiko-fizika tieghu, jikkostitwixxi ksur tad-dritt tad-dgawdija tal-hajja privata. Mela r-rimedju kellu jkun tali li jintegra d-dritt ghall-"privacy" u mhux jaggrava l-vjolazzjoni gja kommessa mill-Istat.

b) Id-dritt ghall-"privacy" huwa dak id-dritt fondamentali ta' kull individwu li ma jsirux ta' dominju pubbliku certi fatti li jappartjenu ghall-isfera intima, u li kull bniedem ghandu d-dritt fondamentali li jzomm mistura ghaliex il-publicita' ta' dawn il-fatti intimi tikkawza "embarrassment".

c) Ir-rimedju ghall-ksur tad-dritt fondamentali ta' "privacy", ghalhekk, huwa li jigu mistura taht il-velu tas-segretezza, jew ghall-inqas tal-konfidenzjalita', certi fatti li, jekk pubblici, jimbarazzaw lill-persuna umana.

d) Fil-fehma ta' l-appellant, bl-annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu ordnata mis-sentenza appellata, il-posizzjoni tieghu aggravat ruhha b'mod insostenibbli.

e) M'ghandux jintnesa' li l-produzzjoni ta' certifikat tat-twelid jew ta' estratt tieghu, hija prerekwizit ghal kull dokument legali iehor, per ezempju, karta ta' l-identita', ktieb tax-xoghol, licenzja tas-sewqan etc. etc. Imma barra minn hekk, ic-certifikat tat-twelid

huwa rikjest ghal hafna relazzjonijiet ohra mhux statali, bhal per ezempju, fil-kazijiet ta' insurance, ezamijiet, impjieg, penzjonijiet.

f) L-appellant jissottometti li c-certifikat tat-twelid li huwa ghandu llum, huwa "newtru". Fih innifsu ma jikkontjeni ebda informazzjoni ta' natura kunfidenzjali jew li tista' timbarazzah.

g) Il-vjolazzjoni konstatata mill-ewwel Onorabbli Qorti hija fis-sens li dak ic-certifikat ma jikkorrispondix mar-rejalta' psiko-fizika tal-persuna li ghalih id-dokument jirreferixxi. Imma, jekk isiru l-annotazzjonijiet ordnati mill-ewwel Onorabbli Qorti, dak ic-certifikat jibda jinkorpora u jaghti pubblicita' ghall-fatti mill-iktar intimi. Dak ic-certifikat jaghti pubblicita', mhux ghal wiehed, imma ghal tlett fatti intimi u mill-aktar konfidenzjali, u cioe':

- Li huwa twieled ragel u issa m'ghadux;
- Li huwa ssubixxa operazzjoni kirurgika; u
- Li huwa kellu jaghmel kawza biex jottjeni dak ir-rizultat.

h) l-appellant jissottometti wkoll li huwa ironiku li l-istess ordinament li jiddisponi li tabib jikkommetti rejat jekk jikser il-konfidenzjalita' dwar operazzjoni kirurgika, jordna li dik l-informazzjoni mill-iktar kunfidenzjali tigi reklamata publikament fir-Registru Pubbliku.

i) L-appellant jispjega li d-dilemma huwa li, jew hu ghandu dritt fondamentali ta' "privacy", jew m'ghandux. La darba l-istat u l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili rrikonoxxew li ghandu, dawn m'ghandhomx, bl-iskop nobbli li jissalvagwardaw dak id-dritt fondamentali tal-"privacy", jimponu fuqu certifikat tat-twelid li jiccertifika pubblikament tlett fatti li jilledu profondament is-sens ta' pudur, ta' privatezza u ta' konfidenzjalita' li ghandhom jipprotegu l-isfera intima, bhal ma huma s-sesswalita' u l-kura medika.

(j) L-appellant jispjega li hu la qieghed, u lanqas irid, jinjora l-argumenti li jingiebu f'kull diskussjoni simili. Dawn jirrigwardaw 'l hekk imsejjha "storicita'" tac-certifikat tat-twelid, u l-interess socjali.

(k) Il-protezzjoni ta' l-"istoricita'" tac-certifikat ghandha tkun konsidrata fl-isfond ta' liema valuri qeghdin jigu protetti, u x'piz wiehed ghandu jaghti lil wiehed u lill-iehor.

(l) L-appellant bl-ebda mod ma jichad li l-Istat ghandu dritt u dmir li jzomm records ezatti u "storikament precizi f'materja demografika". Dan huwa zgur valur mill-aktar apprezzabbli. Pero', meta l-istoricita' ta' bicca karta tikkawza vjolazzjoni ta' dritt fondamentali, allura dak il-valur, importanti kemm hu mportanti, jsir insinjifikanti. Fil-konflitt bejn bicca karta "storika" u dritt

fondamentali tal-persuna, wiehed minnhom ghandu jcedi. Min jghid li f'dan il-konflitt ghandu jcedi d-dritt fondamentali, qieghed jaghmel dikjarazzjoni b'lehen gholi li ma fehem xejn mill-filosofija tad-drittijiet umani. Dawk jissejjhu fondamentali ghax huma ezattament hekk. Meta jiltaqghu ma' drittijiet "inferjuri", jikinsuhom quddiemhom. Jekk biex jitwettqu id-drittijiet fondamentali, hemm bzonn li tigi sagrifikata l-"istoricita'", huwa xieraq li din tigi sagrifikata.

(m) L-appellant jirrikonoxxi li aktar konsistenti hija l-vuci ta' l-"interess socjali". Id-drittijiet fondamentali jistghu, f'certi cirkostanzi, isibu l-limitazzjonijiet fl-interess tal-komunita', jew fid-drittijiet fondamentali ta' ohrajn. Dan m'hu b'ebda mod kontestat, u anqas bl'ebda mod ma l-appellant qed jipprova jimminimizza l-import ta' dialettika impernjata fuq il-protezzjoni ta' valuri socjali. Fi kliem semplici, l-argument tieghu hu li, l-interess socjali u l-interess ta' persuni ohra, jirrikjedi li dawn ikunu jafu bil-bidla fl-istat sesswali ta' persuna ohra. Huwa jissottometti fir-rigward li, preliminarjament, hemm inkonsistenza radikali bejn din it-tezi, u r-ratio tas-sentenza appellata. L-ewwel Onorabbli Qorti, gustament, fil-fehma tieghu, tidher li tippropendi ghal vizjoni li huwa kien ta' sess femminili mit-twelid u mhux "biddel" is-sess tieghu. Ir-registrazzjoni tas-sess tieghu bhala maskili, kienet zball ab initio.

Jekk l-Istat, issa kkorega l-izball inizjali, dan ma hu ta' ebda rilevanza jew ta' interess socjali.

(n) Hag'ohra setghet kienet kieku huwa verament biddel is-sess tieghu. F'dan il-kaz huwa facili targumenta li, ghall-fini tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' terzi, dan il-fatt ghandu jigi a konjizzjoni taghhom biex, fl-interazzjoni personali, ikunu allertati ghall-fatt li jista' anke jolqot u jaffettwa d-drittijiet taghhom. Imma jekk huwa kien ta' sess femminili mit-twelid, kif semmiet l-ewwel Onorabbli Qorti, ma hi ebda lezjoni ta' drittijiet ta' terzi, meta l-Istat jikkoregi l-izball li ghamel meta rregistrah bhala ragel, u din il-korrezzjoni ma tigix moghtija pubblicita'. Wara kollox, jissottometti l-appellant, hija ftit ipokrita din il-preokkupazzjoni li c-certifikat tat-twelid juri dak kollu li jista' jinteressa jew jaffettwa r-relazzjonijiet ma' terzi persuni. Hekk per ezempju, il-fatt li missier it-tarbija jew ommha kienet ta' razza kulurita, jista' certament jaffettwa r-relazzjonijiet interpersonali futuri tat-tarbija, imma xorta ma jigix registrat fl-att tat-twelid. Hekk ukoll il-fatt li l-genituri jbatu minn marda serja trasmissibbli genetikament, zgur li jaffettwa r-relazzjonijiet interpersonali futuri tat-tarbija. Imma anke hawn, dan il-fatt importantissimu u rilevantissimu, huwa mistur mic-certifikat tat-twelid.

(o) L-appellant umilment jissottometti li bilanc ragonevoli bejn id-diversi "interessi" konfliggenti gie milhuq fil-kaz ta' l-addozzjonijiet. L-istitut ta' l-addozzjoni huwa istruttiv inkwantu juri l-inkonsistenza ta' l-argument ta' l-"istoricita'" tac-certifikat tat-twelid, kif ukoll ghax juri li possibilita' li tibbilancja d-dritt fondamentali min-naha, u d-drittijiet socjali mill-banda l-ohra. Fil-kaz ta' addozzjoni, isir certifikat tat-twelid "fittizju" biex jissodisfa r-realta' gjuridika gdida. Isiru wkoll annotazzjonijiet u jinzamm registru ta' l-addozzjonijiet. Dan, pero', differentement ghar-registri l-ohra preservati fir-Registru Pubbliku, huwa mizmum sigriet u ma jista' jigi muri lil hadd hlief lil persuna addottata li ghalqet 18-il sena, jew "f'cirkostanzi eccezzjonali" fuq ir-responsabbilita' tal-Ministru tal-Gustizzja (art. 269 tal-Kodici Civili).

(p) Dan, fl-umili opinjoni ta' l-appellant, kien mod ghaqli biex jigu bilancjati l-interessi supremi tal-persuna, ma' dawk kontingenti tas-socjeta'. Filwaqt li, fin-normalita' tal-kazi, il-kunfidenzjalita' ta' l-addozzjoni u tat-transesswalita' ghandha tipprevali u tigi mseddqa, f'kazi eccezzjonali, u taht il-garanziji opportuni, il-velu tal-konfidenzjalita' jista' jigi merfugh.

(q) L-appellant ghalhekk jissottometti li m'ghandha issir l-ebda annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid, u subordinatament, li jekk dan isir, din ghandha ssir f'Registru li jinzamm sigriet u li jista' jigi

konsultat biss mill-persuna nnifisha, jew f'kazi eccezzjonali, b'ordni u taht ir-responsabilita' tal-Ministru tal-Gustizzja.

Finalment l-appellant jaghmel ukoll sottomissjonijiet fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez. Huwa ma jarax ghala l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjaratu vittma ta' ksur ta' dritt fondamentali, u tatu rimedju ghalih, imbaghad ikkundannatu jhallas aktar minn nofs l-ispejjes. Il-fatt li m'accettatx l-ilment tieghu ghal dikjarazzjoni tal-ksur ta' l-artikolu 3, m'ghandux jinfluwixxi fuq il-kap ta' l-ispejjez, stante li dik kienet manifestament subordinata ghall-ipotesi principali ta' vjolazzjoni ta' dritt tal-hajja privata. Gialadarba l-Qorti kkonstatat ksur ta' l-artikolu 8, lanqas biss kienet tenuta tinvestiga l-ilment taht l-artikolu 3.

**<u>L-Aggravji ta' l-intimat</u>**

Kif inghad, l-intimat appellat ipprevalixxa ruhu mill-appell principali biex jinterponi appell incidentali.

Huwa jhossu aggravat bis-sentenza appellata minhabba:

1) Li sabet ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

2) Ir-rimedju li tat.

Dwar l-ewwel ilment tieghu, huwa jissottometti li l-oghla Qorti f'dan il-pajjiz kienet diga dahlet f'din il-kwisjoni f'kaz simili ghal dak odjern, u ma sabet ebda ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan, fid-dawl tal-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li fil-kaz "B. vs. France" kienet iddistingwiet bejn pajjizi fejn id-dokument ta' l-istat civili huma storici u postijiet fejn dawn mhux hekk meqjusa. Ghalhekk waqt li fil-kaz ta' Franza kienet ikkonstat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, dan ma kienx jghodd fil-kaz ta' l-Ingilterra.

Dwar ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, l-intimat jilmenta li dan ir-rimedju jista' johloq problemi serji. Huwa jirreferi specifikament ghalfejn il-Qorti ssuggeriet li jithassru l-konnotati. Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz imsemmi, wara li ma sabitx ksur ta' l-artikolu 8, kienet tat rimedju billi ssir annotazzjoni a tergo tac-certifikat. Strettament, jekk ma nstab ebda ksur, il-Qorti kellha tieqaf hemm u ma taghmel xejn aktar. Izda jekk din il-Qorti, wara li tilqa' talba li ma hemmx ksur ta' l-artikolu 8 ghar-ragunijiet fuq esposti xorta tat rimedju, din ghandha timxi ma' dak li nghata fil-kaz "Cassar vs Onor. Prim Ministru" u mhux bil-bdil tal-konnotati kif iddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti.

**<u>Il-fatti tal-kawza</u>**

Il-fatti tal-kawza jinsabu rakkontati u deskritti tajjeb hafna fis-sentenza appellata, u din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li jigu ripetuti. Ghalhekk qeghda ssir riferenza ghalihom.

**Premessi**

1. Illi nonostante r-rakkommandazzjoni ta' din il-Qorti maghmula fis-sentenza taghha ta' l-14 ta' Lulju, 1995, in re "Lawrence sive Roxanne Cassar vs Onor. Prim Ministru et", liema rakkommandazzjoni giet ukoll ribadita ghal diversi drabi mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, u cioe', illi l-ahjar soluzzjoni fic-cirkostanzi hija illi s-sitwazzjoni tat-transesswali tigi regolata b'legizlazzjoni ad hoc, jidher li sallum, benche' ghaddew sitt snin, dan ghadu ma sarx. Kif sewwa irrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, huwa veru li l-Qrati m'ghandhomx poter li jimponu rimedju legislattiv hlief fejn il-ligi tippermettilhom li jiddikjaraw norma bhala li tivvjola l-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, pero', certament, li kieku r-rakkommandazzjoni ta' din il-Qorti ttiehdet u giet promulgata l-legizlazzjoni apposita, forsi kazijiet bhal dan illum in dizamina u ohrajn li nel frattemp gew istitwiti u decizi fi prim'istanza, ma kienx ikun hemm bzonn li jigu decizi.

2. Forsi hu opportun ukoll jigi rilevat - ghalkemm ghall-fini ta' din is-sentenza dan mhux daqstant importanti - li hemm hafna ligijiet fejn tezisti distinzjoni bejn sess u iehor, jigifieri bejn ragel u mara u fejn jistghu jinqalghu problemi jekk il-posizzjoni tat-transesswali tibqa' injorata mil-ligi. Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghall-artikolu 4 (3) tal-Kap 260 (Att dwar il-Habs), l-artikoli 11 u 22 (1) tal-Kap 188 (Att dwar ic-Cittadinanza Maltija), l-artikoli 115 u 122 tal-Kap 16 (Kodici Civili), l-Iskeda tal-Kap 276 (Att dwar l-Estradizzjoni) diversi artikoli taht il-Kap 318 (Att dwar is-Sigurta' Socjali), l-artikolu 20 tal-Kap 36 (Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard), l-artikolu 28 tal-Kap 55 (Att dwar il-Professjoni Notarili u l-Arkivji Notarili), l-artikolu 4 (2) tal-Kap 287 (Att dwar il-Qorti tal-Minorenni), l-artikolu 175 tal-Kap 10 (Kodici tal-Pulizija), id-definizzjoni ta' "married couple" fil-Kap 123 (Att dwar it-Taxxa fuq l-Income), l-artikolu 87 (1) (g) tal-Kap 9 (Kodici Kriminali), l-artikolu 27 tal-Kap 343 (Employment and Training Services Act) u diversi ligijiet ohra li jistghu jissemmew. Ta' min jinnota wkoll l-uniku pajjiz iehor li bhalna ghazel li, minkejja diversi rakkommandazzjonijiet gudizzjarji, jibqa' passiv, cioe' ir-Renju Unit, issa, recentement, ippromulga is-Sex Discrimination (Gender Reassignment) Regulations, 1999, li gew in vigore fl-1 ta' Mejju, 1999 u li jirregolaw il-mizuri biex ma jkunx hemm diskriminazzjoni "on grounds of gender reassignment in employment and vocation training, following the judgement of the

European Court of Justice in Case No. C - 19/94 P v S and Cornwall County Council". Fl-istess kuntest, il-Home Secretary Ingliz ta' allura, Jack Straw, allavolja l-ahhar kazijiet li r-Renju Unit kellu quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem rebahhom, habbar illi "he was creating a taskforce drawn from 12 Whitehall departments to review all legislation that affects people who have changed sex. The Working Group on Transsexual will consider the need for "appropriate legal measures" to tackle current legal problems caused by birth certificate restrictions on marriage and other rights. L-istess Home Secretary hu rappurtat li qal illi dan il-Working Group "would consider the need for legal changes to address the problems experienced by transsexuals, having due regard to scientific and societal developments" and look at the ways other countries dealt with the issue" (The Independent - 15 ta' April, 1999).

3. L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ghamlet riferenza u in parti bbazat id-decizjoni taghha fuq id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-bniedem ta' Strasbourg fil-kazijiet ta' Sheffield u ta' Horesham vs. The United Kingdom. Jidher anke mill-korp tas-sentenza appellata li l-ewwel Onorabbli Qorti tat importanza ghal dawn iz-zewg decizjonijiet li kienu milhuqa kwazi unanimament mill-imsemmija Kummissjoni. In verita', iz-zewg kazijiet sussegwentement gew riferiti lill-Qorti

msemmija li fit-30 ta' Lulju, 1998, iddecidiethom b'mod oppost ghal dak li kien gie ritenut mill-Kummissjoni ghax bi hdax-il vot kontra disgha, sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Huwa evidenti li din ic-cirkostanza gdida ghandha l-importanza taghha ghall-fini ta' din il-kawza u aktar 'il quddiem, din il-Qorti sejra tissofferma ruhha fuq l-istess sentenza biex tistabilixxi x'impatt jista' jkollha fir-rigward tas-sentenza appellata li ghandha quddiemha llum. Dana anki in konformita' mal-principju gia enuncjat fil-passat (Vide Aquilina vs Kummissarju tal-Pulizija - Q.K. 13/6/1994) li l-gurisprudenzza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha tinghata attezjoni u piz meta si tratta ta' applik u interpretazzjoni tal-Konvenzjoni li holqot il-gurisdizzjoni ta' l-istess Qorti, kif ukoll ta' dawn il-Qrati.

4. Minhabba l-fatt, li kif sewwa rrilevat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, is-sitwazzjoni tat-transesswali, u t-transesswalizmu fin innifsu, jipprezenta diffikultajiet u problemi kbar kemm f'dik li hija medicina, kif ukoll f'dik li hija interazzjoni taghhom mal-kumplament tas-socjeta', huwa necessarju li l-kawza prezenti tigi deciza fil-parametri tat-talba u tad-decizjoni appellata minghajr ma din il-Qorti tidhol f'diskwizizzjonijiet u konsiderazzjonijiet pertinenti ghall-fenomenu msemmi u li, pero', m'humiex mertu ta' l-appell li ghandha quddiemha.

**Konsiderazzjonijiet**

F'dan l-istadju tas-sentenza, din il-Qorti jidhrilha opportun li l-ewwel u qabel kollox taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq id-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kazijiet ta' Sheffield u Horsham kontra ir-Renju Unit.

Kif inghad diga, d-decizjoni illi ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni intlahqet b'maggoranza ta' hdax (11) il-vot favur u disa (9) voti kontra. Fost il-voti ta' dawk li ivvutaw li ma kienx hemm ksur, kien hemm dak tal-Imhallef Ingliz Sir John Freeland li fil-Kaz ta' B vs France kien invece ivvota favur ir-rikorrenti u ghalhekk kontra Franza, cioe' kien ivvota favur li kien hemm ksur ta' l-artikolu imsemmi. Fil-kazijiet ta' Sheffield u Horsham, pero', huwa ivvota favur li ma kienx hemm ksur. Vot prominenti favur li kien hemm ksur, cioe' "dissenting opinion" kien/et dik/dak ta' l-Imhallef Olandiz van Dijk u dik/dak tal-iSvizzeru L.Wildhaber (ma' ohrajn), li illum huwa il-President tal-Qorti Ewropeja il-Gdida ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dana qed jigi osservat mill-ewwel ghax din il-Qorti fil-kaz ta' Roxanne Cassar (supra) fil-kors tal-izvolgiment tat-tezi taghha li ma kellhiex issegwi l-insenjamenti tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kaz ta' B vs France qalet li kienet baqghat

impressjonata aktar bid-"dissenting opinions" milli bis-sentenza "ut sic" u l-"concurring opinions":

> *"Id-diffikulta' u l-komplessita' tal-kwistjoni jirrizultaw mill-ewwel mill-konstatazzjonijiet illi fi zmien qasir ta' sitt snin, l-istess Qorti, fl-ahhar sentenza (B vs France) ma segwitx il-gudizzji precedenti taghha stess. Barra minn dan, pero', dak li huwa forsi aktar impressjonanti, huma l-argumenti tad-diversi mhallfin li f'dawn il-kazijiet , ma qablux mal-maggoranza tal-imhallfin li waslu ghas-sentenzi u esprimew opinjonijiet dissenzjenti, li huma verament ta' piz. U dan barra l-argumenti tal-istess maggoranza li m'humiex tant konvincenti kif generalment ikunu f'kazijiet ohra."*

Din il-Qorti irripetiet dan il-bran ghaliex fl-ewwel lok, in verita', is-sitwazzjoni fil-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ma tbiddlitx daqstant minn dak in-nhar, anzi, se mai saret aktar konfuza u fit-tieni lok, ghaliex anki fil-kazijiet ta' Sheffield u Horesham, huwa il-kaz li fil-fehma ta' din il-Qorti l-opinjonijiet dissenzjenti ghandhom aktar piz mis-sentenza infisha u l-"concurring opinions". Infatti fil-fehma ta' din il-Qorti is-sentenza tal-Qorti Ewropeja f'dawn iz-zewg kazijiet aktar ghandha minn speci ta' avviz lir-Renju Unit li din hi aktarx l-ahhar darba li rebhet kawza fuq dan is-suggett milli taghti verament ragunijiet approfonditi ghala fil-kaz ta' B vs France iddecidiet mod u fiz-zewg kazijiet in ezami iddecidiet mod iehor.

F'dan il-kuntest forsi ghandu sinjifikat aktar minn kull haga ohra li hemm fis-sentenza ta' Sheffield u Horsham dak li iddikjara Sir John Freeland fil-"concurring opinion" sofferta tieghu, li ser tigi

riprodotta hawn fl-intier taghha minhabba l-importanza li din il-Qorti tattribwilha:

*Concurring opinion of JUDGE Sir John Freeland*

*1. My vote in favour of the finding that there had been no violation of Article 8 of the Convention in these cases was cast after much hesitation and even with some reluctance. The cases disclosed a wider range of situations in which difficulty and embarrassment may be caused to post-operative transsexuals in the United Kingdom than had been demonstrated to the Court in the Rees and Cossey cases. In both those cases, the second of which was decided as long ago as <u>1990</u> the Court had expressed its awareness of the seriousness of the problems facing transsexuals and the distress which they suffer. It had also made clear in both these cases the importance which it attached to the need for appropriate legal measures in this area to be kept under review. In the years since the Cossey decision that need has certainly not diminished. Yet in the present cases the Court, contrary to what it could reasonably have expected, was given no ground to suppose that the respondent State had in fact undertaken any action in this respect.*

*2. On the other hand, essentially for the reasons indicated in paragraphs 56 and 57 of the judgment I was not satisfied by the material placed before the Court that scientific or legal developments since 1990 had been such as to justify it in departing from its Rees and Cossey decisions and concluding in the present cases that on the basis of such developments alone the respondent State can no longer sustain its position by reliance on a margin of appreciation. As regards the range of practical problems for the applicants which the present cases disclosed, while concerned not to underestimate in any way their potential for causing embarrassment or hardship, I found them to be less injurious in likely frequency of occurrence and seriousness than those experienced by the applicant in the case of B. v France, in which I voted in favour of the finding of a violation of Article 8. Those problems for the applicants, deserving as they are of the Court's sympathy, in my view fall short, if not by far, of causing*

*sufficient detriment to override the margin of appreciation.*

*3. It has not been easy to weigh up the various factors and I acknowledge that continued inaction on the part of the respondent State, taken together with further developments elsewhere, could well tilt the balance in the other direction. My overall conclusion was, however, that in the light of scientific and legal developments so far and in the particular circumstances of these cases it would not be right for the Court now to find a violation of Article 8.*

Issa, biex tispjega ruhha ahjar, din il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq it-tip ta' azzjoni li l-Qorti ewropea kellha quddiema fiz-zewg kazijiet konfliggenti msemmija.

Fil-kaz B vs France skond l-istess Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-azzjoni kienet impostata fit-termini li gejjin:

*"According to the applicant, the refusal to recognize her true sexual identity was a breach of Article 8 (art 8) of the Convention……….She argued that by failing to allow the indication of her sex to be corrected in the civil status register and on her official identity documents, the French authorities forced her to disclose intimate personal information to third parties; she also alleged that she faced great difficulties in her professional life."*

Fil-kazijiet ta' Sheffield u Horsham vs United Kingdom, l-azzjoni giet deskritta kif gej:

*"The Court observes that it is common ground that the applicants' complaints fall to be considered from the standpoint of whether or not the respondent State has failed to comply with a positive obligation to ensure respect for their rights to respect for their private lives. It has not been contended that the failure of the authorities*

> *to afford them recognition for legal purposes, in particular by altering the register of births to reflect their new gender status or issuing them with birth certificates whose contents and nature differ from the entries made at the time of their birth, constitutes an "interference".*
>
> *Accordingly, as in the above-mentioned Rees and Cossey cases, the issue raised by the applicants before the Court is not that the respondent State should abstain from acting to their detriment but that it has failed to take positive steps to modify a system which they claim operates to their prejudice. The Court will therefore proceed on that basis."*

In rejalta', ghalkemm prima facie wiehed jista' jiehu l-impressjoni li bejn dawn iz-zewg kawzi kien hemm xi differenzi ghal dak li jirrigwarda il-parametri tal-azzjoni, in verita', il-principju involut huwa pressoche' l-istess u cioe' l-inerzja tal-Istat nonostante il-qaghda imwerha tat-transsesswali u r-rifjut tal-Istat li jirrimedja ghal dan.

Jidher ukoll illi skond l-istess Qorti ta' Strasbourg ir-ragunijiet ghala fil-kaz ta' B vs France iddecidiet mod u fil-kazijiet ta' Sheffield u Horsham iddecidiet mod iehor huma tnejn: l-ewwel raguni tirrigwrada in**-"notion of respect"** kif interpretat u applikat minn dik il-Qorti u t-tieni raguni hija li l-Qorti ma kenitx soddisfatta illi "the applicants' histories demonstrate that the failure of the authorities to recognise their new gender gives rise to detriment of sufficient seriousness as to override the respondent State's margin of appreciation in this area". Aktar il-quddiem l-istess Qorti ziedet: *"the situations in which the applicants may be required to disclose*

*their pre-operative gender do not occur with a degree of frequency which could be said to impinge to a disproportionate extent on their right to respect for their private lives*".

Kwantu jirrigwarda "in-notion of respect" dik il-Qorti essenzjalment irrepetiet dak li kienet qalet snin qabel fil-kazijiet ta' Rees u ta' Cossey u cioe' illi *"the notion of respect is not clear-cut, especially as far as positive obligations inherent in that concept are concerned: having regard to the diversity of the practices followed and the situations obtaining in the Contracting States, the notion's requirements will vary considerably from case to case. In determining whether or not a positive obligation exists, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole of the Convention"*

Kwantu mbaghad ghal dak li jirrigwarda t-tieni konsiderazzjoni tal-Qorti ta' Strasbourg, dan s'intendi huwa pertinenti ghal dak il-kaz partikolari u evidentement dik il-Qorti qieset li bejn dak il-kaz u kazijiet ohra kien hemm dik id-differenza rilevata fl-apprezzament taghha relattivament ghall-kazi konsidrati.

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq l-aspetti kollha nvoluti, u tara li kollox ma' kollox fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz prezenti kif ukoll dawk lokali, u konsidrata l-bazi fuq liema l-Qorti ta' Strasbourg fid-decizjonijiet taghha ta' Sheffield u Horesham iddistakkat ruhha u ma qablitx mad-decizjoni tal-Kummissjoni, din il-Qorti tkun qed taghmel gustizzja jekk tabbraccja, kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, dak illi hasset li kien gust il-Kummissjoni f'dawk iz-zewg kazijiet u mhux dak li ddecidiet sussegwentement il-Qorti Ewropeja dejjem fl-istess zewg kazijiet ta' Sheffield u Horesham. Dana qed tghidu mhux bhala kritika ghal dak li ddecidiet il-Qorti ta' Strasbourg f'dawn iz-zewg kazijiet, ghaliex essenzjalment din il-Qorti ma jinteressahiex il-meritu ta' dawk iz-zewg kazijiet, imma ghaliex thoss illi c-cirkostanzi tal-kaz prezenti in dizamina quddiemha fl-isfond malti u fl-isfond tal-ligijiet vigenti f'Malta, iktar jirrikjedi li jkun hemm intervent simili ghal dak li ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, milli li tigi abbraccjata d-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg li frankament din il-Qorti ma thossx li tista' tigi applikata ghall-kaz prezenti. Infatti din il-Qorti jidhrilha li la taht il-kuncett tan-"notion of respect", kif lanqas ghal dawk li huma cirkostanzi fattwali tal-kaz ma tista' taqbel illi l-kazijiet ta' Sheffield u Horesham u dak in dizamina li qed jigi deciz illum huma l-istess, cioe' identici, u li jirrikjedu l-istess tip ta' decizjoni jew intervent.

Jigifieri din il-Qorti qeghdha tesprimi ruhha bl-iktar mod kategoriku illi taqbel essenzjalment in principju ma' dak li ddecidiet l-ewwel Qorti u li ma  jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tespandi fuqu.  Pero', jibqa' fatt wiehed li  jifforma parti importantissima mill-appell tar-rikorrent Gilford, u cioe' jekk kienx il-kaz illi l-ewwel Qorti tordna li ssir l-annotament  fic-certifikat appositu tieghu li hu deskritt fis-sentenza appellata.

Fuq dan din il-Qorti hasbet hafna  ghaliex jidhrilha illi ma jistax jigi injorat kollox u f'kull hin u li tigi sostitwita haga ghal ohra fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti minghajr ma, almenu, ikun hemm registrazzjoni ta' x'wassal ghal tibdil jew korrezzjoni.

L-ewwel Qorti ddecidiet, kif inghad, billi ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, fil-kolonna "Jekk tifel jew tifla" – "Sex", ghall-kelma "Boy" tigi sostitwita "Girl", u fil-kolonna "Ismijiet moghtijin" – "Names given", l-isem "Raymond" jigi sostitwit bl-isem "Rachel" u inoltre ordnat lill-istess Direttur li ssir l-annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' dik is-sentenza u wara li  l-istess rikorrent kien issottometta ruhu  ghal intervent kirurgiku ta' *gender reassignment* fis-17 ta' Gunju, 1993.

Fit-talba tieghu r-rikorrent appellanti mhux qed ikun radikali u difficli mija fil-mija, u f'certu sens jidher li jaccetta li xi tip ta' annotazzjoni hi necessarja, pero' jippretendi li fl-ewwel lok m'ghandha ssir l-ebda annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid, ghalkemm, subordinatament, jissottometti wkoll li jekk dan hu necessarju fil-fehma ta' din il-Qorti li ghandu jsir, din ghandha ssir f'Registru li jinzamm sigriet u li jista' jigi konsultat biss mill-persuna nfisha, jew f'kazi eccezzjonali, b'ordni u taht ir-responsabilita' tal-Ministru tal-Gustizzja. Fil-kors tat-trattazzjoni kif anke fir-rikors ta' l-appell ieghu, huwa silet paragun f'kazijiet bhal tieghu mal-kazijiet ta' addozzjoni fejn issir xi haga simili bhal dak li qed jissuggerixxi sussidjarjament.

Din il-Qorti tifhem illi jekk ic-certifikat tat-twelid ta' l-appellant ma ssirlux annotazzjoni b'xi mod, li t-tibdil li gie ordnat mill-ewwel Qorti u li ser jigi konfermat minnha kien rizultat tad-decizjoni ta' din il-Qorti, ma tkunx qed issir gustizzja u tali decizjoni tkun tmur kontra anke l-iktar aspetti bazici tan-"notion of respect" li ghalih hemm riferenza aktar 'il fuq. Mill-banda l-ohra, pero', stante n-natura pubblika ta' l-att tat-twelid ta' l-appellant u ta' kull persuna ohra, fil-fehma ta' din il-Qorti, jkun zejjed illi oltre l-fatt li ssir annotazzjoni li t-tibdil kien sar bhala rizultat ta' sentenza jizdied ukoll il-fatt li dan kien ukoll bhala rizultat tal-fatt li r-rikorrent issottometta ruhu ghal intervent kirurgiku tal-"gender reassignment" fis-17 ta' Gunju,

1993. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li dikjarazzjoni bhal din tigi inserita fl-att tat-twelid tieghu taggrava inutilment u mhux tiznellixxi s-sitwazzjoni u l-posizzjoni gia prekarja u sfortunata tieghu.

L-appellant talab in linea subordinata illi jinzamm registru sigriet u li jigi konsultat biss mill-persuna nfisha jew f'kazi eccezzjonali b'ordni u taht ir-responsabilita' tal-Ministru tal-Gustizzja bhal fil-kazijiet ta' l-addozzjonijiet. Din il-Qorti tifhem li ghandha zewg alternattivi quddiemha, u cioe', l-ewwel alternattiva konsistenti f'dak li ghadha kemm qalet, u cioe', li tordna biss li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrent, illi t-tibdil sar bhala rizultat tad-decizjoni ta' din is-sentenza u tieqaf hemm, u t-tieni alternattiva, illi jigi ordnat illi jkun hemm registru sigriet kif qed jigi suggerit.

Din il-Qorti temmen li jekk tordna li l-att tat-twelid tar-rikorrent kif korrett, cioe' kif emendat, dan isir f'registru li jinzamm sigriet u li jista' jigi konsultat biss mill-persuna nfisha, jew f'kazi eccezzjonali b'ordni u taht ir-responsabilita' tal-Ministru tal-Gustizzja, tkun qed tmur oltre dak li l-ligi tippermettilha bhala Qorti u tkun qeghda tillegisla meta m'ghandhiex dan il-poter. Hija temmen illi f'kazijiet bhal dak in dizamina din aktarx tkun l-ahjar soluzzjoni; soluzzjoni illi tnaqqas kemm jista' jkun l-aggravju tar-rikorrent u ta' persuni ohra fl-istess sitwazzjoni tieghu, u jkun aktar konformi mhux biss

mal-kelma, imma anke l-ispirtu ta' l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward tal-hajja privata taghhom, liema artikolu llum huwa parti integrali mil-ligi maltija. Ghalhekk qeghda taghmel rakkommandazzjoni biex in segwitu ghal din is-sentenza il-Gvern jikkonsidra jaqbilx li jintroduci emenda simili ghal dik suggerita fil-ligi taghna.

Bhala mizura sakemm ma ssirx emenda simili u jigi introdott sistema fejn jinzamm registru sigriet ta' kazijiet bhal dak tar-rikorrent, din il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi ghalkemm sejra tikkonferma l-ordni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel it-tibdil fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv 4340/98 kif spjegat fis-sentenza appellata, u tordnalu wkoll li jaghmel l-annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' din is-sentenza, sejra tirrevoka l-ordni li tat l-ewwel onorabbli Qorti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jinserixxi wkoll fl-istess annotazzjoni li dan kollu kien wara li l-istess rikorrent kien issottometta ruhu ghal intervent kirurgiku ta' "gender reassignment" fis-17 ta' Gunju, 1993.

Bhala riepilogu din il-Qorti qeghdha ghalhekk tispjega li, abbazi ta' dak kollu li qalet supra, hija jidhrilha li ssodisfat il-funzjoni taghha li tikkonkludi fuq l-aggravji principali ta' l-appell tar-rikorrent Gilford, kif ukoll fuq l-aggravji ta' l-appell incidentali tad-Direttur tar-

Registru Pubbliku, fis-sens li ghal din il-Qorti huwa evidenti illi l-appell incidentali jimmerita li ghandu jigi respint, filwaqt li l-appell principali jimmerita biss akkoljiment limitat ghal dak li ghadu kemm inghad u li ser jigi nkorporat fid-decide.

Din il-Qorti sejra wkoll eventwalment tiddeciedi li jekk xi darba ssir il-legizlazzjoni apposita biex jigi mahluq ir-registru imsemmi iktar 'il fuq, allura ghandu jinstab mezz kif l-att tat-twelid ta' l-appellant jiddahhal f'dak ir-registru u ma jibqax fejn hu.

Baqa' biss ilment zghir ta' l-appellant Gilford rigwardanti l-kundanna ta' l-ewwel Qorti fil-konfront tieghu ghall-pagament ta' parti mill-ispejjez. Din il-Qorti, fir-rigward, hija tal-fehma li ma tistax taqbel mieghu li l-ewwel Qorti, una volta stabbiliet li kien hemm ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma kellhiex ghalfejn tidhol f'aspetti ohra tat-talbiet tieghu u li ghalhekk ma jmisshiex ikkundannatu ghall-ispejjez. Kollox ma' kollox din il-Qorti thoss li l-parti relattiva mis-sentenza appellata li akkollatlu parti mill-ispejjez timmerita konferma kif inhi.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell incidentali tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi tichad l-istess bl-ispejjez relativi ta' l-istess appell incidentali kontra tieghu, u tiddisponi mill-appell principali tar-rikorrent Gilford billi fl-ewwel lok tichdu inkwantu din il-Qorti

ntalbet tirrevoka l-parti tas-sentenza appellata li akkollatlu parti mill-ispejjez, u effettivament tikkonferma dik il-parti tas-sentenza, u billi tilqghu limitatament kif ser jinghad, fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha inkwantu ordnat ukoll li fl-annotazzjoni li ghandu jaghmel id-Direttur tar-Registru Pubbliku fl-att tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv 4340/68 skond is-sentenza appellata huwa jirregistra li t-tibdil ordnat sar ukoll wara li l-istess rikorrent kien issottometta ruhu ghal intervent kirurgiku ta' "gender reassignment" fis-17 ta' Gunju, 1993 – din il-parti cioe' m'ghandhiex tigi registrata. Il-kumplament tas-sentenza jibqa' konfermat.

Fl-ahhar nett din il-Qorti wkoll taghmel rakkommandazzjoni kif inghad, fis-sens li jekk f'xi zmien fil-futur isir registru ta' kazijiet simili jew identici bhal dak tar-rikorrent, cioe' ghal persuni li jbiddlu s-sess taghhom permezz ta' intervent kirurgiku ta' "gender reassignment", l-att tat-twelid tar-rikorrent li qed jigi emendat b'din is-sentenza jitpogga f'dak ir-registru. L-ispejjez ta' l-appell principali, fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li ghandhom jigu sopportati mill-partijiet nofs kull wiehed, u dana stante d-delikatezza u d-diffikulta' tal-punti legali nvoluti.

App. Kost. 455/93

Dep/Reg

mm